repubblika

# Inkjesta Pubblika dwar l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia

Sottomissjonijiet bil-miktub

id-29 ta' Jannar 2021

VO # 1760
Pjazza tal-Knisja, l-Imqabba MQB 1011, Malta
repubblika.org

# Sommarju Eżekuttiv

Repubblika hija tal-fehma li din l-Inkjesta kienet waħda eċċezzjonali meta mqabbla mar-reazzjoni tal-Istat Malti għall-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. Inkjesta li staqsiet mistoqsijiet diffiċli lix-xhieda u wettqet l-uniku għamla ta' stħarriġ bir-reqqa taċ-ċirkostanzi li fihom ġiet assassinata Daphne Caruana Galizia u l-kawżi tad-delitt, kif dan tħalla jseħħ u l-fallimenti tal-Istat Malti meta naqas li jieħu l-passi xierqa biex dan il-każ jiġi ttrattat kif xieraq.

Is-sottomissjonijiet tagħna huma tentattiv biex nindirizzaw it-termini ta' referenza sostantivi ta' din l-Inkjesta.

1. Nuru kif Joseph Muscat u n-nies ta' madwaru gawdew u għadhom qed igawdu l-impunità, minkejja evidenza dejjem akbar li kellha twassal għal investigazzjonijiet u prosekuzzjoni xierqa għal reati kriminali skont il-liġi. Nisiltu bosta eżempji, fosthom avvenimenti marbuta mar-ritorn ta' John Dalli minn Brussell, il-każ Pilatus, il-Panama Papers u oħrajn. Insostnu li dan il-livell ta' impunità flimkien man-nuqqas tal-pulizija li taġixxi kif xieraq wara sensiela ta' splużjonijiet ta' karozzi bomba, ippermettew li l-awturi tal-kriminalità jaħsbu li qatt mhu se jinqabdu.

2. Nuru kif Joseph Muscat u ċ-ċirku ta' madwaru mexxew kampanja biex Daphne Caruana Galizia tiċċaħħad mid-dinjità umana, ma titħalliex tgawdi d-dritt tagħha għall-privatezza, il-familja u l-proprjetà, u fl-aħħar nett biex iċaħħduha mid-dritt għal ħajjitha stess.

3. Nelenkaw bosta fallimenti tal-Istat Malti meta naqas li jindirizza r-riskji fuq ħajjet Daphne Caruana Galizia, inkluż l-effett tal-iżolament tagħha permezz ta' malafama u tkasbir fuq il-midja tal-partiti politiċi.

4. Nargumentaw li l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia għandu jitqies fil-kuntest tal-infiltrazzjoni tal-mafja fit-tessut tal-governanza u s-soċjetà Maltija li, fil-fehma tagħna, hija perikolożament issottovalutata. Inressqu proposti għall-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni u proċeduri kontra l-mafja u kontra r-rikattar organizzat. Nagħmlu wkoll rakkomandazzjonijiet fir-rigward ta' leġiżlazzjoni li

tindirizza r-rikkezzi mhux spjegati, l-abbuż tal-kariga u lakuni oħra fil-qafas leġiżlattiv tagħna.

5. Nisħqu fuq is-sinifikat tal-inkjesti pubbliċi bħala għodod li jkattru d-demokrazija tagħna u bħala mezz ta' dokumentazzjoni u tagħlim mill-iżbalji amministrattivi, min-nuqqasijiet fis-sistemi tagħna jew mill-għemil ħażin volontarju.

6. Niddiskutu kif l-Istat Malti għadu mhux jipprovdi protezzjoni xierqa lill-ġurnalisti u lil aġenti oħra tas-soċjetà ċivili li jaġixxu b'mod indipendenti mill-gvern, u għalhekk iqishom b'mod żbaljat bħala forma ta' oppożizzjoni li jrid jipprova joħnoq.

Fl-aħħar nett, nargumentaw li fil-qalba tal-valuri li aħna naspiraw bħala demokrazija għandu jkun hemm is-servizz ta' ġurnaliżmu indipendenti u kritiku. Jixraq li wliedna jiġu mgħallma japprezzaw dan, jippretenduh u jikkontribwixxu għalih bħala element ewlieni fl-edukazzjoni formali tagħhom. Iċ-ċittadini jeħtieġ ifakkru b'tant eżiġenza lill-Istat Malti biex iħares l-indipendenza ta' dan il-pilastru demokratiku minn kull indħil, ċensura, u saħansitra mill-vjolenza min-naħa ta' dawk li jaqblilhom idgħajfu dawn il-libertajiet.

Fis-sottomissjonijiet tagħna, infakkru li Repubblika twaqqfet minn individwi li ngħaqdu flimkien wara l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia. Dan għamilnieh għax konna rrabjati u ma konniex sodisfatti bl-azzjoni tal-awtoritajiet jew bin-nuqqas ta' azzjoni tagħhom, qabel u wara l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia.

Filwaqt li tissokta s-sejħa tagħna għal ġustizzja mingħajr aktar dewmien fil-każ ta' Daphne Caruana Galizia, it-tħassib tagħna llum hu aktar profond milli kien fis-16 ta' Ottubru 2017, wara nofsinhar, meta konna lkoll maħsudin u rrabjati.

Tassew grati li għandna din l-opportunità li niddokumentaw dan it-tħassib u nittamaw li s-sottomissjonijiet tagħna jkunu kontribut siewi għal dan il-proċess importanti.

Sommarju Eżekuttiv **2**

Werrej **4**

Repubblika **6**

1.1. Minnufih wara l-qtil ta' Daphne 7
1.2. Il-falliment tas-soċjetà ċivili 8
1.3. Minn mindu nqatlet Daphne 9

It-termini ta' referenza **11**

Ċrieki konċentriċi **12**

3.1. Sensiela ta' karozzi bomba 12
3.2. Qtil ikkummissjonat 13

Impunità għall-persuni fil-poter **14**

4.1. Jiżżarma kull xkiel għat-trażżin 14
4.2. John Dalli 15
4.3. Il-Pilatus Bank 16
4.4. Il-Panama Papers 16
4.5. Henley & Partners 17
4.6. Il-kutrabandu tal-fjuwil u traffikar ieħor 17
4.7. Il-konċessjoni tas-sit tal-ITS 18
4.8. Azzjoni legali vessatorja minn Chris Cardona 18

Protezzjoni lil ħajjet Daphne Caruana Galizia minn kull riskju immedjat **20**

5.1. Theddid sistematiku mibdi minn persuni b'karigi ta' poter politiku 20
5.2. Mobilizzazzjoni tal-midja 21
5.3. It-trolling fuq l-internet 21
5.4. X'kien id-dmir tal-Istat f'dan il-kuntest? 23

Miżuri li setgħu evitaw ir-riskju fuq ħajjet Daphne Caruana Galizia **24**

6.1. Investigazzjoni inadegwata ta' reati preċedenti 24
6.2. Valutazzjoni indipendenti tar-riskju 24
6.3. Nuqqas ta' sigurtà xierqa 24
6.4. L-Istat u l-midja indipendenti 25
6.5. Interess internazzjonali 25

Dispożizzjonijiet effettivi tal-liġi kriminali **26**

7.1. Reat tal-mafja 26
7.2. Leġiżlazzjoni kontra l-mafja 27
7.3. Infurzar tal-liġi federali għal reati federali 28
7.4. Rikkezzi mhux spjegati 29
7.5. Waqfien jew tfixkil fil-kors tal-ġustizzja 30
7.6. Abbuż mill-kariga u mġiba ħażina fil-kariga 31
7.7. Finanzjament tal-kampanji 32
7.8. Protezzjoni lill-informaturi 33
7.9. Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni 34
7.10. Qafas istituzzjonali inadegwat 37
7.11. “Pajjiżna jixraqlu ġustizzja” 38

Is-siwi tal-inkjesti pubbliċi **41**
8.1. Din l-Inkjesta fil-kuntest 41
8.2. Ħtieġa ta’ inkjesti ulterjuri 41

Miżuri li jħarsu lill-ġurnalisti **43**

It-tħassib tagħna llum **45**

“Daphne” m’għandhiex tkun kontroversja **47**

**L-Unur Tiegħu Michael Mallia**
**L-Unur Tagħha Abigail Lofaro**
**L-Unur Tiegħu Joseph Said Pullicino**

Għeżież Membri tal-Bord tal-Inkjesta,

Ħajr għal din l-opportunità li nippreżentaw il-kunsiderazzjonijiet tagħna bil-miktub qabel jitfasslu l-konklużjonijiet finali tal-Inkjesta.

# 1. Repubblika

Repubblika twaqqfet formalment nhar il-25 ta' Jannar 2019 f'konformità mal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (il-Kapitolu 492 tal-Liġijiet ta' Malta) "biex tippromwovi d-drittijiet ċivili, il-ħajja demokratika, is-saltna tad-dritt, il-libertà tal-kelma, il-libertajiet personali, l-inklużjoni soċjali, il-konservazzjoni ambjentali, is-sostenibbiltà ekonomika u l-ugwaljanza tal-aċċess, b'parteċipazzjoni attiva fid-diskors nazzjonali u f'inizjattivi edukattivi, soċjali u karitattivi relatati."

L-Istatut tagħna, fl-Artikolu 3.1, jiddikjara fost l-oħrajn li:

> *"L-Assoċjazzjoni tqis dawn il-prinċipji li ġejjin bħala inerenti għal kull soċjetà ċivili f'demokrazija li taħdem taħt is-saltna tad-dritt, u fl-applikazzjoni tagħhom m'għandha taġixxi bl-ebda mod li jkun inkonsistenti magħhom:*
>
> - *"Is-soċjetà ċivili tinkludi l-firxa sħiħa ta' individwi, gruppi organizzati u istituzzjonijiet indipendenti mill-Istat, li jaġixxu f'ambjent volontarju jew mingħajr skop ta' qligħ, u li tal-inqas ikunu sa ċertu punt awtoġeneranti u awtosuffiċjenti. Din tinkludi lil organizzazzjonijiet nongovernattivi, midja indipendenti, ħassieba u gruppi ta' riflessjoni, universitajiet, u gruppi soċjali u reliġjużi. Il-parteċipanti tas-soċjetà ċivili jirrispettaw is-saltna tad-dritt, id-drittijiet tal-individwi u d-drittijiet ta' gruppi oħra li jesprimu l-interessi u l-opinjonijiet tagħhom b'rispett sħiħ għall-kunċetti tal-pluraliżmu u d-diversità.*
>
> - *"Stat demokratiku jiffunzjona tajjeb u huwa awtoritattiv. Ikun jinkorpora modi u mezzi għal verifika, monitoraġġ u restrizzjoni tal-poter tal-mexxejja politiċi u tal-uffiċjali tal-Istat. F'dan il-kuntest, is-soċjetà ċivili tissorvelja l-mod kif l-uffiċjali tal-Istat jużaw il-poteri tagħhom, turi tħassib pubbliku f'każ ta' abbuż, u tistinka biex tikseb aċċess għal informazzjoni ħalli taqdi din il-funzjoni.*

- *"Is-soċjetà ċivili toħroġ fid-dieher l-imġiba korrotta ta' uffiċjali pubbliċi u taħdem qatigħ għal riformi ta' governanza tajba."*[1]

Insostnu wkoll, fl-Artikolu 4. 1.vii, li:

> *"L-Assoċjazzjoni tasserixxi li l-Istat hu fid-dmir li jippromwovi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u l-obbligu li jitħarsu d-drittijiet tas-soċjetà ċivili. F'dan ir-rigward, id-dmir tal-Istat hu kemm negattiv billi jevita li jindaħal fid-drittijiet tal-bniedem u fil-libertajiet fundamentali, u kif ukoll pożittiv billi jiżgura r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Id-dmir tal-Istat jinkludi wkoll l-obbligu li jiżgura li l-liġi tkun abilitanti kif xieraq, u li jkun hemm fis-seħħ il-mekkaniżmi istituzzjonali meħtieġa biex jiżguraw id-drittijiet rikonoxxuti tal-individwi kollha."*

Għalina, din hija ferm iżjed minn dikjarazzjoni ta' prinċipji. Repubblika twaqqfet minn individwi li ngħaqdu flimkien wara l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia. Dan għamilnieh għax konna rrabjati u ma konniex sodisfatti bl-azzjoni tal-awtoritajiet jew bin-nuqqas ta' azzjoni tagħhom, qabel u wara l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia.

## 1.1. Minnufih wara l-qtil ta' Daphne

Sa mill-bidu nett, il-moviment tagħna attribwixxa parzjalment l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia għall-fallimenti istituzzjonali u ta' individwi f'karigi istituzzjonali meta naqsu li jaqdu dmirhom u jipproteġu ħajjet Daphne Caruana Galizia bħala individwu u bħala element tas-soċjetà ċivili li jaġixxi indipendentement u liberament mill-kontroll tal-gvern.

Wara ftit sigħat mill-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, tlabna għat-tneħħija jew għar-riżenja ta' persuni ta' awtorità fil-gvern, fis-servizz tal-prosekuzzjoni, fil-korp tal-pulizija, u f'entitajiet oħrajn. Dan għax għarafna minnufih li l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia seħħ għax bosta individwi fallew fi dmirhom li jipprevjenu li jseħħ u, meta seħħ, naqsu milli jaġixxu kif xieraq. Dak kollu li ġara minn dakinhar sal-lum hu konferma li l-ġudizzju inizjali tagħna kien korrett.

Aħna, eventwalment fundaturi individwali u mexxejja u membri ta' Repubblika, ilkoll għamilna eżami tal-kuxjenza u ridna nerfgħu l-parti tagħna tar-responsabbiltà b'rabta ma' dak li ġara. Minn dak l-eżami, tnisslet Repubblika.

[1] https://repubblika.org/statute/

## 1.2. Il-falliment tas-soċjetà ċivili

Intbaħna li bħala ċittadini konna qed insegwu u naqraw il-kitbiet ta' Daphne sempliċiment bħala spettaturi. Donnu kien xi għamla ta' divertiment li konna distakkati minnu. Aġixxejna daqslikieku ma kellna l-ebda responsabbiltà li naħdmu biex inbiddlu dak li kien qed jiġri. Fil-ħajja demokratika konna qed nieħdu sehem biss dakinhar tal-elezzjoni bil-vot tagħna, u abdikajna mir-responsabbiltà tagħna bħala ċittadini minkejja l-eżempju brillanti ta' Daphne tal-impenn għall-ġid komuni, l-involviment dirett u t-taħbit tagħha kontra dak kollu li hu abbużiv, il-bullying istituzzjonali u ċ-ċensura oppressiva.

F'dan is-sens, konna sirna kompliċi fl-isforz konxju u kkoordinat tal-għedewwa tagħha li riedu jiżolawha, jimminawha u jċaħħduha mill-protezzjoni li soċjetà ċivili koeżiva, attiva u parteċipattiva għandha tagħti lill-persuni li huma fil-mira tal-persuni fil-poter. Filwaqt li Daphne kitbet il-verità dwar il-persuni fil-poter, aħna bqajna b'idejna marbutin, u dawk li ma kinux jaqblu magħha apertament kienu qed joħolqu l-ambjent li jippermetti t-tmiem tagħha.

Minn fost il-fallimenti li wasslu għall-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, għażilna li l-ewwel nittrattaw il-falliment li konna responsabbli għalih aħna, jiġifieri li s-soċjetà ċivili kienet dgħajfa u li ftit li xejn saħqet fuq kwistjonijiet li jnawru d-demokrazija, fuq il-korruzzjoni, il-bullying istituzzjonali u l-fallimenti tas-saltna tad-dritt.

Fl-opinjoni tagħha tal-2018 dwar "l-arranġamenti Kostituzzjonali, is-separazzjoni tal-poteri, u l-indipendenza tal-ġudikatura u l-infurzar tal-liġi,"[2] il-Kummissjoni Venezja sabet li:

> *"Il-midja u s-soċjetà ċivili huma essenzjali għad-demokrazija fi kwalunkwe Stat. Ir-rwol tagħhom bħala għassiesa hu prekundizzjoni indispensabbli għall-akkontabbiltà tal-gvern. Id-delegazzjoni tal-Kummissjoni Venezja kellha l-impressjoni li f'Malta, il-midja u s-soċjetà ċivili kienu qed isibuha diffiċli biex jissodisfaw dawn il-ħtiġijiet. Uħud mill-interlokaturi tal-Kummissjoni saħansitra jirreferu għal "liġi prevalenti ta' omertà". Anki meta l-awtoritajiet ma jkunux jifilħu l-kritika fil-konfront tagħhom, dawn huma fid-dmir li jiżguraw li l-midja u s-soċjetà ċivili jkunu jistgħu jesprimu ruħhom liberament."*

Waqqafna Repubblika biex nindirizzaw id-diffikultà li jitwettaq ir-rwol essenzjali li s-soċjetà ċivili mistennija taqdi f'demokrazija.

---

[2] https://www.venice.coe.int/webforms/documents/default.aspx?pdffile=CDL-AD(2018)028-e

L-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia ma kienx sempliċiment katalist għall-eżistenza tagħna. Kien u għadu l-eżami definittiv tat-trasformazzjoni li jeħtieġ tgħaddi minnu d-demokrazija Maltija biex ikun jixirqilha tissejjaħ hekk, għallinqas fir-rigward tal-funzjonament tas-soċjetà ċivili u fit-twettiq tal-prekundizzjoni indispensabbli tal-akkontabbiltà tal-gvern.

## 1.3. Minn mindu nqatlet Daphne

Sal-mument tal-kitba, Daphne Caruana Galizia nqatlet 39 xahar ilu. Il-kampanja biex tiżolaha, tiskreditaha u temarġinaha bdiet ħafna żmien qabel u għadha t-tattika tal-korrotti u ta' dawk li mhumiex demokratiċi, sal-lum il-ġurnata.

Sal-lum għadu ħadd m'għadda ġuri għall-assassinju tagħha.

Joseph Muscat, Keith Schembri, Konrad Mizzi, Chris Cardona u bosta oħrajn m'għadhomx fil-kariga u irrispettivament minn jekk jammettux jew le, kellhom jirreżenjaw bid-diżunur wara l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia. Minkejja l-arresti, l-interrogazzjonijiet, il-libertajiet proviżorji, u messanxeni oħra ta' setgħat istituzzjonali nofs kedda, sal-lum ħadd għadu ma ffaċċja konsegwenzi kriminali għal għemilu u għadhom qed jiċħdu kwalunkwe għemil ħażin.

Fil-livell politiku, il-gvern, il-partit politiku fil-gvern, il-midja tiegħu u l-bażi li tappoġġjah, qatt ma ffaċċjaw tassew l-orrur veru tal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia. Il-verità hi moħbija jew miċħuda. Ma saret l-ebda apoloġija, u ma kien hemm l-ebda dispjaċir u l-ebda assenjazzjoni politika tar-reponsabbiltà. Minflok, Robert Abela, il-kap tal-gvern u l-mexxej tal-partit fil-gvern jisħaq li wasal iż-żmien li tinqaleb il-paġna fuq il-każ ta' Daphne Caruana Galizia. Dan minkejja li l-paġna għadha ma nqratx minn bosta.

Għaldaqstant, għadna frustrati, irrabjati u mnikkta għax issa anki l-istituzzjonijiet tagħna mhumiex jirrealizzaw, jew qed jirrifjutaw li jirrealizzaw, li l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia għandu jkollu effett trasformattiv fuq it-tħaddim tal-politika f'Malta u fuq is-soċjetà Maltija. Il-mod kif l-istituzzjonijiet jibqgħu jinjoraw, irażżnu u jiċħdu l-verità dwar dak li ġara u dwar dak li għadu qed jiġri, mhuwiex biss inġustizzja gravi fil-konfront ta' Daphne u l-familja tagħha – dik ukoll – iżda hu oltraġġ għad-demokrazija ta' Malta.

L-istorja uffiċjali tridna nemmnu li l-memorja ta' Daphne hija xkiel għall-benesseri ta' pajjiżna.

F'nofs dan kollu, din l-Inkjesta kienet eċċezzjoni mill-aqwa għall-falliment istituzzjonali estensiv ta' Malta. Irrispettivament mill-konklużjonijiet finali ta' din l-Inkjesta, l-esperjenza tagħha kienet waħda eċċezzjonali għal diversi raġunijiet, iżda b'mod

partikolari għax il-persuni fil-poter kellhom iwieġbu mistoqsijiet li altrimenti qatt ma kienu jwieġbu fil-pubbliku.

Għalhekk, Repubblika tesprimi l-gratitudni tagħha lejn il-Bord.

Fil-bqija tad-dokument, se nippreżentaw il-fehmiet tagħna għall-kunsiderazzjoni tagħkom dwar il-mistoqsijiet li saru skont it-termini ta' referenza.[3]

[3]https://cdn.newsbook.com.mt/wp-content/uploads/2019/11/15114141/Termini-ta-Referenza.pdf

## 2. It-termini ta’ referenza

Skont it-termini ta’ referenza, l-Inkjesta għandha l-għan li tikseb dawn ir-riżultati:

- *“jiġi determinat jekk xi att jew ommissjoni illeċita minn, jew fi ħdan, xi entità tal-Istat iffaċilitatx l-assassinju jew naqsitx milli tipprevjenih. B’mod partikolari jekk (a) xi entità tal-Istat kinitx taf jew kellhiex tkun taf dwar, jew ikkawżatx, riskju reali u immedjat, inkluż mill-aġir kriminali ta’ xi terza persuna, għall-ħajja ta’ Daphne Caruana Galizia u (b) naqset milli tieħu miżuri fi ħdan il-firxa tas-setgħat tagħha li, b’ġudizzju raġonevoli, kien mistenni minnha li tieħu biex tevita dak ir-riskju;*

- *“tistabbilixxi jekk l-Istat kellux u għandux fis-seħħ dispożizzjonijiet ta’ liġi kriminali effettivi u mezzi oħra prattiċi biex jevita li jiżviluppa stat ta’* de facto *impunità bl-okkorrenza spissa ta’ atti kriminali li ma jiġux solvuti u biex jiddisswadi mit-twettiq ta’ reati kriminali serji, bl-appoġġ ta’ makkinarju ta’ infurzar tal-liġi għall-prevenzjoni, is-soppressjoni, l-investigazzjoni u l-kastig tal-vjolazzjonijiet serji tal-liġi;*

- *“tiddetermina jekk l-Istat wettaqx u jekk huwiex qiegħed iwettaq l-obbligu pożittiv li jieħu miżuri operazzjonali ta’ prevenzjoni biex jipproteġi lil dawk l-individwi li l-ħajja tagħhom tkun fir-riskju minn atti kriminali u dan b’mod partikolari fil-każ tal-ġurnalisti.”*

Fil-fehma tagħna, il-qtil ta’ Daphne Caruana Galizia hu r-riżultat ta’ sensiela ta’ ċrieki konċentriċi maħsuba biex jippermettu li jseħħ il-qtil, biex l-awturi jorganizzawh u jwettquh, u biex ikunu jistgħu jgawdu l-impunità wara l-fatt.

# 3. Ċrieki konċentriċi

L-Inkjesta m'għandhiex l-iskop li tiddetermina responsabbiltà kriminali f'dan il-każ, u għalhekk dawn is-sottomissjonijiet ma jesprimu l-ebda fehma dwar l-akkużi mressqa kontra għadd ta' individwi li ġew akkużati li wettqu l-qtil jew li qabbdu kompliċi fih jew li għattewlhom, u dwar l-evidenza mismugħa kontrihom s'issa. Madankollu hu ċar li, għalkemm dan il-każ jaf involva bosta persuni, dawk involuti fl-organizzazzjoni tal-qtil innifsu jidher li huma grupp limitat ta' persuni.

Kwalunkwe persuna li tinstiga qtil jew li tippermetti lilha nnifisha tipparteċipa fi qtil, u li taħbi l-azzjoni tagħha fit-tifrik li tħalli warajha karozza bomba sploduta mill-bogħod, żgur li tagħmel dan bil-konvinzjoni li aktarx mhix se taffaċċja konsegwenzi għal għemilha.

## 3.1. Sensiela ta' karozzi bomba

L-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia b'karozza bomba ma kienx l-ewwel qtil jew attentat ta' qtil ta' din l-għamla fis-snin li wasslu għall-qtil tagħha. Madankollu, matul dawk is-snin u wara d-diversi karozzi li splodew qabel[4] Ottubru 2017, m'aħniex konxji li saru arresti mill-pulizija b'rabta ma' dawk l-isplużjonijiet.

L-arresti li saru wara l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia huma riżultat ta' investigazzjonijiet forensiċi li rabtu l-bombi mal-allegati awturi. L-evidenza tissuġġerixxi li l-*modus operandi* fil-qtil ta' Daphne kien l-istess bħal tal-isplużjonijiet preċedenti.

Għaldaqstant, hu raġonevoli li wieħed jissuġġerixxi li kieku ntużat l-istess metodoloġija forensika għall-investigazzjoni tal-każijiet preċedenti, il-metodu użat biex tinqatel Daphne Caruana Galizia jaf kien jiġi evitat b'azzjoni aktar kmieni mill-pulizija.

Dan ma jfissirx li dawk li riedu joqtlu lil Daphne Caruana Galizia ma setgħux isibu modi oħra biex jilħqu l-iskop tagħhom.

Huwa assjomatiku li mod kif nipproteġu lil vittmi potenzjali tal-kriminalità hu billi naqbdu lill-awturi tal-kriminalità u nikkastigawhom. Sakemm l-awtoritajiet saritilhom pressjoni pubblika u internazzjonali biex juru li kienu qed jinvestigaw qtil minħabba l-profil għoli

[4] https://www.maltatoday.com.mt/news/national/81438/maltas_explosive_history_19_bomb_attacks_since_2010#.YAVDyi1Q2jg

tal-vittma fil-każ ta' Daphne Caruana Galizia, il-karozzi bomba tħallew isiru mingħajr konsegwenza.

Il-persuni li qatlu lil Daphne Caruana Galizia b'karozza bomba kellhom kull raġun jemmnu li mhux se jinqabdu għax ħadd ma kien inqabad b'rabta mal-karozzi bomba preċedenti. Dan hu konsegwenza tal-falliment tal-Istat Malti meta naqas li jinforza l-liġi f'każijiet preċedenti li użaw l-istess metodu jew *modus operandi*.

## 3.2. Qtil ikkummissjonat

Mingħajr preġudizzju għall-preżunzjoni tal-innoċenza tal-persuni akkużati li wettqu l-qtil ta' Daphne jew li kienu kompliċi fih, jidher ċar li l-allegati assassini aġixxew skont l-istruzzjonijiet ta' "klijenti" jew "bosses" li qabbduhom jew ordnawlhom iwettqu r-reat. Anki l-boss jew il-bosses ħassew li aktarx mhux se jinqabdu biex iħallsu għal għemilhom. Parzjalment, wieħed jista' jassumi li dawn ħasbu hekk għax qtil ta' persuna b'karozza bomba deher li l-pulizija ma ssolvieh qatt.

Parzjalment, iżda, hu riżultat ta' falliment fis-sistemi tal-Istat Malti li naqsu li jinfurzaw il-liġi fir-reati mwettqa minn persuni ta' influwenza.

Erbatax-il jum qabel il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, il-Prim Imħallef Silvio Camilleri qal f'diskors pubbliku:

> *"Is-saltna tad-dritt ma tistax issaltan jekk il-liġijiet li jsiru, u li huma intiżi proprju sabiex iwettqu dik is-saltna, ma jiġux applikati u inforzati. U l-liġijiet iridu jiġu infurzati mill-awtoritajiet vestiti bis-setgħa li jinfurzawhom. Jekk il-persuni li jokkupaw dawk il-karigi (il-pulizija u l-Avukat Ġenerali) ma jaqdux id-doveri tagħhom imparzjalment u indipendentement allura tiġi mminata s-saltna tad-dritt. Kull sistema tiddependi finalment fuq l-integrità tal-persuni fdati biex iħaddmuha. Fin-nuqqas, niġu rinfaċċjati b'montatura, b'faċċata ta' distrazzjoni u aljenazzjoni, mingħajr sustanza. Jekk ikun hemm il-piena għal uħud iżda mhux għal oħrajn, allura l-qrati ma jibqgħux aktar amministraturi tal-ġustizzja iżda jsiru amministraturi tal-inġustizzja."*[5]

Din id-dikjarazzjoni jeħtieġ titqiegħed f'kuntest li, minħabba l-koinċidenza taż-żmien u l-post, jaħbat l-istess kuntest li fih inqatlet Daphne Caruana Galizia ġimagħtejn wara.

[5] https://cdn-others.timesofmalta.com/ccfd59e4445d05a0abb463995bb6762745fe3798.pdf

# 4. Impunità għall-persuni fil-poter

L-Inkjesta semgħet evidenza dettaljata li turi li s-saltna tad-dritt kienet qed tiżżarma b'mod sistematiku minħabba l-fallimenti konsistenti tal-awtoritajiet responsabbli meta naqsu li jressqu ċertu kategorija ta' kriminali quddiem il-ġustizzja. M'aħniex se nistħarrġu mill-ġdid l-evidenza jew it-testimonjanza ppreżentata lill-Inkjesta iżda se nisiltu wħud mill-aktar eżempji importanti li wasslu għat-twemmin li f'Ottubru 2017, is-saltna tad-dritt f'Malta kienet fi stat dubjuż ħafna.

## 4.1. Jiżżarma kull xkiel għat-trażżin

Mill-għada tal-elezzjoni tal-2013, Joseph Muscat talab ir-riżenja tas-Segretarji Permanenti kollha, saħansitra qabel ħatar il-Kabinett tal-Ministri. Din id-deċiżjoni effettivament dgħajfet is-servizz pubbliku, u xekklitu fit-twettiq tal-funzjoni tiegħu li jiżgura memorja istituzzjonali u kontinwità amministrattiva u li jaġixxi bħala kuxjenza legali għat-tmexxija politika tal-amministrazzjoni.

Is-sinjal li bagħtet l-amministrazzjoni fl-ewwel sigħat tagħha kien li s-servizz pubbliku ma kienx mistenni biss iservi lealment lill-gvern tal-ġurnata – kif fil-fatt hi l-funzjoni tiegħu – iżda li dan jagħmlu mingħajr kuxjenza. Dan joħroġ fid-dieher fi wħud mit-tweġibiet ta' uffiċjali għolja taċ-ċivil li semgħet l-Inkjesta. Il-pubbliku kellu kull dritt jistenna li dawn l-uffiċjali jirrakkomandaw trażżin f'diversi deċiżjonijiet li huma spjegati biss jekk jitqiesu l-interessi korrotti ta' persuni minn barra l-amministrazzjoni pubblika u tal-kompliċi tagħhom fi ħdanha.

L-impatt li din id-daħla kellha fuq il-gvern ta' Joseph Muscat joħroġ mill-aktar ċar fil-konsegwenzi tat-tneħħija ta' John Rizzo mill-kariga ta' Kummissarju tal-Pulizija. John Rizzo kellu ammirazzjoni wiesgħa u fejn tidħol il-korruzzjoni, ħadd ma kien jagħmillu l-bżar fuq imnieħru. Mexxa investigazzjonijiet u ressaq għal prosekuzzjoni u kundanna lil persuni bi profil għoli li kienu involuti fil-korruzzjoni, mingħajr ma qies il-konsegwenzi politiċi li setgħu jġarrbu l-persuni fil-poter.

Il-mod kif tratta ċertu każijiet bħall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-Imħallfin Noel Arrigo, Patrick Vella u Ray Pace, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni fix-xiri taż-żejt fl-Enemalta, il-korruzzjoni fil-ħruġ tal-liċenzji fl-uffiċċju tar-regolatur tat-trasport, u każijiet oħra, kienu sinjal ċar għal kull min se jidħol fil-poter f'Marzu 2013 li John Rizzo se jkun ostaklu biex jitwettaq pjan korrott.

L-evidenza li semgħet din l-Inkjesta turi li l-gvern ta' Joseph Muscat offra lil John Rizzo kwalunkwe pożizzjoni li xtaq, u eventwalment anki konsulenza, diment li jaċċetta li jħalli l-kariga tiegħu ta' Kummissarju tal-Pulizija.

Bir-rekord ta' John Rizzo, diffiċli tgħaddi minn moħħna li l-impunità li rrenjat f'bosta każijiet li semgħet din l-Inkjesta u miġbura fil-qosor hawn taħt, setgħet tibqa' tippersisti għal dan it-tul taż-żmien.

Barra minn hekk, dan is-sinjal wasal f'livelli aktar baxxi. Ta' min wieħed ifakkar li f'inqas minn għaxart ijiem wara l-elezzjoni tal-2013, fid-19 ta' Marzu, is-Sindku taż-Żurrieq, Ignatius Farrugia, u persuni oħra ħebbew għal Daphne fil-pubbliku sal-punt li kellha tfittex kenn f'kunvent. Fit-testimonjanza tagħha, Daphne tgħid li meta kienet qed tipproteġi lilha nnifisha f'kunvent, il-persuni li ġrew warajha bdew jgħajtu: "Oħorġuha minn hemm, oħorġuha minn hemm. Issa aħna hemm fil-gvern."[6]

## 4.2. John Dalli

Qabel l-elezzjoni ġenerali ta' Marzu 2013, il-pulizija wrew l-interess tagħhom f'John Dalli, li kien irreżenja bid-diżunur minn Kummissarju Ewropew f'Ottubru 2012 minħabba evidenza miġbura mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (l-OLAF). Wara investigazzjoni ulterjuri mill-Pulizija Maltija, dawn u l-Avukat Ġenerali dehrilhom li kien hemm bażi biżżejjed għall-prosekuzzjoni ta' John Dalli.

Angelo Gafà, dakinhar investigatur tal-pulizija u llum il-Kummissarju tal-Pulizija, kien xehed quddiem il-Kumitat Permamenti dwar il-Privileġġi u qal li l-Kummissarju tal-Pulizija Peter Paul Zammit, li ħa post John Rizzo, kien injora l-parir tal-Avukat Ġenerali biex jarresta lil John Dalli.[7] Hawnhekk qed nikkwotaw minn rapporti tal-istampa minflok nirreferu għat-traskrizzjoni ta' din il-laqgħa Parlamentari (tal-14 ta' Jannar 2015) għax it-traskrizzjoni għadha mhix disponibbli fuq il-website tal-Parlament ta' Malta[8] minkejja li għaddew sitt snin.

Li tressaq lil eks Ministru tal-Finanzi u eks Kummissarju Ewropew għal proċedimenti kriminali ta' korruzzjoni kienu jibagħtu sinjal ċar li ħadd mhu 'l fuq mil-liġi. Iżda bit-tneħħija tattika tal-Kummissarju John Rizzo, John Dalli seta' jirritorna Malta mingħajr ir-riskju ta' prosekuzzjoni kriminali, u biex aktar tard ikun involut f'ċerimonja pubblika bħala konsulent ewlieni tal-gvern immexxi minn Joseph Muscat.

[6] https://timesofmalta.com/articles/view/columnist-describes-how-zurrieq-mayor-harassed-her.465265
[7] https://www.independent.com.mt/articles/2015-01-14/local-news/Former-Police-Commissioner-did-not-act-on-AG-advice-to-charge-John-Dalli-former-investigator-6736128717
[8] https://parlament.mt/en/12th-leg/privileges-committee/?type=committeedocuments

Hu dokumentat pubblikament li John Dalli tqabbad biex jagħti konsulenza lill-gvern dwar il-politika tas-saħħa, il-qasam li kien responsabbli għalih fi Brussell qabel ma ġie mġiegħel jirreżenja. L-aktar inizjattiva prominenti ta' politika fis-settur tas-saħħa kienet il-privatizzazzjoni ta' tliet sptarijiet pubbliċi f'inizjattiva mħabbla fi skandu li dwaru għaddejjin investigazzjonijiet kriminali.

## 4.3. Il-Pilatus Bank

Fl-ewwel xhur wara l-elezzjoni ta' Marzu 2013, il-gvern ta liċenzja lil Ali Sadr Hashemi Nejad, ċittadin Iranjan b'diversi identitajiet u ċittadinanzi, biex jiftaħ bank Ewropew f'Malta. Minkejja l-oġġezzjonijiet tal-awtoritajiet Maltin li l-Pilatus Bank kien nadif tazza, l-investigazzjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew sabu li l-Pilatus Bank kien magna tal-ħasil tal-flus għall-klijenti tiegħu u finalment il-bank kellu jingħalaq. Madankollu dan seħħ wara li sid il-bank ġie arrestat fl-Istati Uniti u akkużat bi frodi bankarju li allegatament sar qabel infetaħ il-Pilatus Bank. L-akkużi kontrih twaqqgħu minħabba skorrettezzi min-naħa tal-prosekuzzjoni (ksur Brady) wara l-kundanna ta' ġurija f'qorti federali. Madankollu, hi konklużjoni raġonevoli li l-evidenza wriet li l-Pilatus Bank innifsu kien ġie ffinanzjat mir-rikavat ta' reati kriminali preċedenti.

Daphne Caruana Galizia rrappurtat b'mod estensiv dwar il-ħasil tal-flus fil-Pilatus Bank. Is-sorsi tagħha, dawk li ġew skoperti, sfaw vittma ta' kampanja sistematika ta' intimidazzjoni. Daphne kienet soġġetta għall-aktar kawża SLAPP (Kawża Strateġika Kontra l-Parteċipazzjoni Pubblika) li tiswa flus fl-istorja tal-libeli ta' pajjiżna.

Inkjesta dwar allegazzjonijiet li Joseph Muscat jew martu użaw il-Pilatus Bank biex jirċievu u jittrasferixxu fondi illeċiti ma sabitx evidenza ta' dawn it-tranżazzjonijiet. Din l-Inkjesta m'għandhiex l-iskop li tirrevedi l-konklużjonijiet jew li teżamina mill-ġdid is-sejbiet ta' inkjesta maġisterjali. Madankollu, hu pertinenti li nindikaw li l-Istat Malti ċaħad kull rappurtaġġ ta' Daphne dwar il-Pilatus Bank, sew meta dan kien dwar il-"kont ta' Michelle Muscat" u sew meta ma kienx. Nafu li ċ-ċaħdiet ma kinux veritiera u eventwalment il-bank kellu jingħalaq.

## 4.4. Il-Panama Papers

Meta Daphne Caruana Galizia kixfet li Keith Schembri u Konrad Mizzi bdew iwaqqfu kumpaniji fil-Panama mill-għada li kisbu l-poter f'Marzu 2013, l-investigazzjonijiet tagħha ġew miċħuda b'mod kategoriku. Minkejja li r-rappurtaġġ tagħha ġie kkonfermat b'mod indipendenti mill-pubblikazzjonijiet tal-Konsorzju Internazzjonali tal-Ġurnalisti Investigattivi, it-tnejn li huma baqgħu fil-kariga tagħhom sa Novembru 2019.

Għall-bidu, il-gvern argumenta li r-rappurtaġġ ta' Daphne ma kienx minnu. Meta dak l-argument ma kienx għadu plawżibbli, il-gvern argumenta li ma kien hemm l-ebda għemil ħażin.

Eventwalment inkixef l-iskop tal-kumpaniji fil-Panama, meta ġiet żvelata r-rabta tagħhom ma' kumpaniji rreġistrati f'Dubai ta' Yorgen Fenech, li wkoll kien qed imexxi l-proġett tal-Electrogas.

Bħal John Dalli qabilhom, Keith Schembri u Konrad Mizzi ma ffaċċjaw l-ebda konsegwenza materjali meta ġew esposti, u fil-mument tal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia kellhom u aktarx għad għandhom kull raġuni biex jemmnu li qatt mhu se jħallsu għal għemilhom.

## 4.5. Henley & Partners

Inizjattiva politika ewlenija oħra tal-2013/14 li ħa l-gvern ta' Joseph Muscat kienet l-iskema tal-bejgħ taċ-ċittadinanza Maltija lil klijenti li ħafna minnhom kienu anonimizzati. Din l-iskema, li ma ssemmietx fil-manifest elettorali tal-Partit Laburista ta' Joseph Muscat, insatret fis-segretezza. Daphne Caruana Galizia u oħrajn esponew għadd ta' benefiċjarji b'rabta mal-involviment tagħhom f'attivitajiet illegali jew illeċiti li kellhom jagħmluhom ineliġibbli għall-iskema.

L-iskema tmexxiet minn Henley & Partners. Il-kap eżekuttiv tagħha, Christian Kälin hedded lil Daphne u lil persuni oħra b'kawżi SLAPP u dan bl-approvazzjoni taċita, jekk mhux evidenti, ta' esponenti tal-gvern. Tal-inqas xi drabi, it-theddid ta' kawżi SLAPP ħallew effett fuq il-ġurnalisti li rtiraw l-istejjer tagħhom. Minkejja t-tħassib internazzjonali u l-kritika tal-iskema, din baqgħet titħaddem bi ftit li xejn bidliet.

## 4.6. Il-kutrabandu tal-fjuwil u traffikar ieħor

Għal diversi snin wara l-gwerra ċivili fil-Libja, operaturi bbażati f'Malta pparteċipaw u kkordinaw il-kuntrabandu tal-fjuwil bejn il-milizzji u l-ġellieda Libjani, u l-kriminalità organizzata Taljana. L-operazzjonijiet ta' kuntrabandu użaw ibħra, portijiet u faċilitajiet infrastrutturali Maltin biex iwettqu l-operazzjonijiet tagħhom.

F'Marzu 2016, il-Bord tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Libja, li jirrapporta lill-Kunsill tas-Sigurtà, stqarr li l-fjuwil bil-kuntrabandu mil-Libja kien qed jiġi trasferit minn bastiment għall-ieħor fl-ibħra internazzjonali u jinġieb Malta. Stqarr ukoll li l-moħħ kien ċittadin Libjan li kien ko-proprjetarju ta' kumpanija ma' ċittadin Malti u ċittadin Eġizzjan.

F'anness dettaljat dwar il-kuntrabandu tal-fjuwil, ir-rapport tan-Nazzjonijiet Uniti rabat lil din il-kumpanija mal-kuntrabandu tal-fjuwil u aċċenna li l-awtoritajiet Maltin kienu jafu bl-attivitajiet tal-kumpanija.[9]

Minkejja dan, u minkejja r-rappurtaġġ għal bosta snin, inkluż minn Daphne Caruana Galizia, li jidentifika lis-suspettati b'isimhom, ma sar l-ebda arrest u l-attivitajiet illeċiti tħallew isiru mingħajr waqfien.

Hemm indikazzjonijiet li l-istess elementi li ppermettew dawn l-attivitajiet illeċiti jista' jkun li użawhom biex jiddevjaw l-investigazzjonijiet tal-assassinju ta' Daphne, u jiżvijaw l-attenzjoni tal-pubbliku mill-ħatja vera.

## 4.7. Il-konċessjoni tas-sit tal-ITS

F'Marzu 2020, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (l-NAO) sab li l-proċess tat-trasferiment tal-art fejn kien hemm l-Istitut għall-Istudji Turistiċi f'Pembroke lill-Grupp DB kien miżgħud nuqqasijiet. L-NAO jirrapporta[10] li l-Uffiċċju tal-Prim Ministru u l-Ministeru għat-Turiżmu taw verżjonijiet kunfliġġenti rigward id-deċiżjoni tal-għoti tal-art u xeħtu r-responsabbiltà fuq xulxin (7.3.1). L-Uffiċċju esprima d-dubju tiegħu li dan il-proċess mexa skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (7.3.6) u elenka għadd ta' nuqqasijiet serji.

Madankollu, il-Parlament lanqas biss iddiskuta dawn is-sejbiet, aħseb u ara li pprova jindirizzahom. Ta' min jinnota li Silvio Debono, sid il-Grupp DB li lilhom ġiet trasferita din l-art, fetaħ 19-il kawża ta' libell kontra Daphne Caruana Galizia talli kixfet dettalji dwar dan il-ftehim u talli kkritikatu. Dan, minkejja l-fehma wiesgħa tal-industrija tal-proprjetà u tal-kostruzzjoni li l-prezz għat-trasferiment tal-art kien ġeneruż tant li ma seta' jiġi spjegat bl-ebda loġika kummerċjali leġittima.

## 4.8. Azzjoni legali vessatorja minn Chris Cardona

Meta Daphne Caruana Galizia rrappurtat li Chris Cardona aġixxa b'mod indiċenti waqt safra uffiċjali, hu irritalja b'kawżi ta' libell vessatorji u b'mandat ta' sekwestru qawwi. Sal-lum għadu ma ssostanzjax l-istqarrija tiegħu li kien ġie akkużat b'mod skorrett, u

---

[9] https://www.securitycouncilreport.org/atf/cf/%7B65BFCF9B-6D27-4E9C-8CD3-CF6E4FF96FF9%7D/s_2016_209.pdf
[10] https://cdn-others.timesofmalta.com/b286f435a57c42f1d2d261f02909304b899896f0.pdf

fil-fatt abbanduna l-każ tiegħu u dak li rrappurtat Daphne Caruana Galizia għadu jgħodd.

Fil-mument tal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, Joseph Muscat, Keith Schembri, Konrad Mizzi, Chris Cardona u persuni oħra ma kellhom l-ebda raġuni biex jemmnu li xi wieħed mill-biżibilju skandli li kienu involuti fihom, kien se jwassalhom biex iħallsu għal għemilhom u jġegħelhom jirreżenjaw. Daphne Caruana Galizia kixfet ħafna minn dawn l-iskandli u esponiethom għall-attenzjoni tal-pubbliku.

Fil-fehma tagħna, l-episodji msemmija hawn u tant oħrajn juru li qrubija ma' Joseph Muscat tiżgura impunità lill-awturi tal-kriminalità jew tal-għemil ħażin, u toħloq atmosfera perikoluża ħafna għall-ġurnalisti li jesponuhom.

# 5. Protezzjoni lil ħajjet Daphne Caruana Galizia minn kull riskju immedjat

L-Inkjesta ntalbet tiddetermina jekk xi entità tal-Istat kinitx taf jew kellhiex tkun taf dwar, jew ikkawżatx, riskju reali u immedjat, għall-ħajja ta' Daphne Caruana Galizia, inkluż bl-aġir kriminali ta' xi terza persuna.

L-Inkjesta ngħatat biżżejjed evidenza dokumentata li turi li Daphne Caruana Galizia kienet mhedda b'mod sistematiku. Minbarra dan, bis-sehem attiv ukoll ta' bosta persuni f'karigi uffiċjali pubbliċi, inħoloq ambjent favorevoli li wassal biex Daphne tiġi iżolata, tiċċaħħad mid-dinjità umana u tinqatel. Dan ħareġ fid-dieher f'diversi livelli.

## 5.1. Theddid sistematiku mibdi minn persuni b'karigi ta' poter politiku

It-tmexxija politika tal-pajjiż – minn Joseph Muscat 'l isfel – iddeskriviet sistematikament lil Daphne Caruana Galizia bħala giddieba u fabrikatur tal-istejjer, u li għal raġunijiet partiġġjani kienet qed tippreżenta dawn l-istejjer bħala verità. Dawn il-mexxejja politiċi tennew u attribwew b'mod falz għal Daphne Caruana Galizia bosta opinjonijiet jew dikjarazzjonijiet li qatt ma qalet jew kitbet, jew għawġu kwotazzjonijiet 'il barra mill-kuntest biex jippreżentawha b'mod qarrieq bħala persuna partiġġjana jew saħansitra li tesprimi odju bla rażan jew raġuni. Minflok ma wieġbu l-akkużi fil-konfront tagħhom, il-persuni b'karigi ta' poter politiku li kixfet Daphne Caruana Galizia rritaljaw b'attakk kontra d-dinjità umana tagħha.

Dan it-theddid kompla wara l-assassinju ta' Daphne rigward żviluppi relatati ma' din il-qtil. Eżempju minnhom hi l-imġiba ta' Josef Caruana, li kien uffiċjal fis-segretarjat privat tal-Prim Ministru. Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika kien sab li dan kiser il-kodiċi tal-etika tas-settur pubbliku meta ppubblika fuq Facebook l-ismijiet u n-numri tal-identità ta' 304 akkademiċi li ffirmaw petizzjoni fl-eqqel tal-kriżi politika ta' Diċembru 2019. Il-Kummissarju ddikjara li l-post ta' Josef Caruana "*ma setgħetx ħlief tittieħed bħala forma ta' fastidju jew messaġġ ta' intimidazzjoni minn xi ħadd viċin il-Prim Ministru*" fil-konfront ta' akkademiċi li esprimew liberament is-sejħa tagħhom biex Joseph Muscat jirriżenja. "*Il-messaġġ li qed jingħata huwa "nafu min int".*"[11]

[11] https://standardscommissioner.com/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K018.pdf

F’okkażjoni oħra, Josef Caruana silef il-kredibbiltà tiegħu bħala uffiċjal għoli fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, bħala eks editur ta’ gazzetta u bħala kandidat tal-Partit Laburista għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew biex ixerred il-malafama li Matthew Caruana Galizia jaf ipparteċipa b’mod deliberat fil-qtil ta’ ommu jew għen biex tinħeba evidenza. Minkejja li rtira dan id-diskors, il-ħsara kienet laħqet saret.

Esponenti tal-gvern u tal-Partit Laburista kemm-il darba esprimew is-suġġerimenti li Daphne nqatlet minn uliedha jew li l-familja tagħha ħbiet evidenza mill-pulizija biex iddawwar il-kors tal-ġustizzja. Imbagħad dan id-diskors irrepetewh is-segwaċi tagħhom.

## 5.2. Mobilizzazzjoni tal-midja

Il-kampanja ta’ attakki kontra d-dinjità umana ta’ Daphne li nedew il-mexxejja politiċi kellha l-appoġġ tal-midja partiġġjana mmexxija mill-figuri politiċi għoljin ikkonċernati. B’mod mill-aktar qawwi, din il-pressjoni ġiet mill-mezzi tax-xandir tal-Partit Laburista. Iżda hu minnu wkoll li għal xi żmien, din ġiet mill-midja tal-Partit Nazzjonalista meta anki l-eks Kap tiegħu kien is-suġġett ta’ investigazzjonijiet minn Daphne Caruana Galizia. Ir-reazzjoni tiegħu għall-akkużi kienet l-istess bħal dik li normalment kienet tkun mistennija mill-Partit Laburista.

Il-Public Broadcasting Services (PBS), ix-xandir nazzjonali f’Malta, ikkontribwixxa għall-iżolament ta’ Daphne. Filwaqt li Daphne kienet fost l-aktar ġurnalisti ewlenin u segwiti f’pajjiżna, ix-xandir nazzjonali la investiga u lanqas xandar l-istejjer li kienet tiżvela, bħall-Panama Papers u l-Pilatus Bank. Minflok, il-PBS tħaddem daqslikieku l-portavuċi tal-gvern u xi drabi sar għodda partiġġjana biex ixejjen l-ilħna u l-fehmiet li kienu jikkritikaw lill-gvern.

Il-midja televiżiva intużat biex issegwi lil Daphne Caruana Galizia kull fejn tmur, u tpinġiha bħala persuna stramba jew li qed taħrab mill-iskrutinju. Irredikolawha, ippersegwitawha, akkużawha b’mod falz, anki lil qrabatha, u riedu jiżolawha.

## 5.3. It-trolling fuq l-internet

Din ir-realtà li Daphne Caruana Galizia kellha taffaċċja għal għexieren ta’ snin laħqet il-milja tagħha fl-aħħar snin bi trolling qawwi u kkoordinat fuq l-internet, u b’diskors ta’ mibegħda bla rażan jew kontroll li f’għajnejn bosta persuni ssokta l-attakki kontra d-dinjità umana tagħha. Dan wasal sal-punt li anki meta nqatlet b’karozza bomba, l-aktar persuni estremi li apertament ma kinux jaqblu magħha ferħu pubblikament bil-mewt tagħha jew akkużaw lil uliedha stess bil-qtil, u kif mistenni ħafna drabi bl-approvazzjoni ta’ sħabhom online.

Qabel l-assassinju ta' Daphne, l-immaġni tagħha bħala "is-saħħara tal-Bidnija" u bosta attributi oħrajn ippruvaw ixejnu d-dinjità umana bażika tagħha, inkluż id-dritt tagħha għall-privatezza, il-familja u l-proprjetà.

Fuq Facebook, fit-30 ta' Mejju 2017, erbat ijiem qabel l-elezzjoni, il-Membru Parlamentari Silvio Schembri kien qal li l-elezzjoni tal-2017 kienet il-mezz biex il-poplu Malti "jeħles minn nies bħalu (bħal Matthew Caruana Galizia) u ommu Daphne".[12]

Jumejn wara l-elezzjoni, fil-5 ta' Ġunju, fuq Facebook deher meme li juri wiċċ Daphne Caruana Galizia bi qrejjen sataniċi fuq kard kommemorattiva tal-funeral mistħajjel tagħha, bil-kliem: "B'ferħ kbir inħabbru l-mewt ta' Daphnie (sic) Caruana Galizia, imlaqqma bħala s-saħħara tal-Bidnija... Ħalliet jibku t-telfa tagħha lil ħadd... O Mulej agħtiha dak li hi għamlet ma' ħaddieħor."[13]

Tant kien qawwi l-attakk fuq id-dinjità umana ta' Daphne li fi ftit sigħat mill-assassinju tagħha, is-surġent tal-pulizija Ramon Mifsud iddikjara pubblikament fuq Facebook: "Had wara had tasal ta kullhadd demel!!!!!!! Feeling happy." (Sic). (Ħadd wara Ħadd, tasal ta' kulħadd, demel. Inħossni ferħan.) U żied wiċċ jitbissem. Minkejja li ġie sospiż, għax l-impunità tassew nawret l-istituzzjonijiet kollha, is-surġent Mifsud kien baqa' jirċievi nofs is-salarju tiegħu sa tliet snin wara.[14] U ma nafux jekk dan għadux hekk sal-lum.

Il-qofol tal-attakki fuq id-dinjità umana ta' Daphne kienu l-assassinju tagħha.

Iżda jixraq ninnotaw li din l-attività bla rażan issoktat anki wara l-assassinju. Seba' xhur wara, il-portal The Shift ippubblika s-sejbiet ta' investigazzjoni li għamel dwar sitta mill-akbar gruppi fuq Facebook favur Joseph Muscat, li flimkien għandhom 60,000 membru u li jippostjaw attakki kkoordinati fuq attivisti kontra l-korruzzjoni u fuq il-memorja u l-familja ta' Daphne Caruana Galizia.[15]

Gruppi miżgħuda kummenti vjolenti, tixrid ta' dettalji personali tal-attivisti kontra l-korruzzjoni, u appelli biex dawn jiġu attakkati fiżikament u sesswalment, u segwiti. Minbarra l-Prim Ministru nnifsu, fost il-membri ta' dawn il-gruppi kien hemm tal-inqas tmien uffiċjali għoljin li jaħdmu għalih.

[12] https://twitter.com/andazz/status/1203245250296332288/photo/1
[13] https://theshiftnews.com/2018/05/24/behind-the-scenes-how-labour-online-groups-reacted-to-the-assassination-of-daphne-caruana-galizia/
[14] https://lovinmalta.com/news/police-sergeant-who-celebrated-caruana-galizias-murder-still-on-payroll-despite-never-turning-up-for-disciplinary-sittings/
[15] https://theshiftnews.com/2018/05/14/investigating-joseph-muscats-online-hate-machine/

Dawn jinkludu lil Keith Schembri (l-eks Chief of Staff tal-Prim Ministru), Konrad Mizzi (l-eks Ministru għat-Turiżmu), Chris Cardona (l-eks Ministru għall-Ekonomija), Glenn Bedingfield (Deputat u eks konsulent tal-Prim Ministru), Neville Gafà (eks konsulent tal-Prim Ministru), Tony Zarb (konsulent tal-Prim Ministru), Rosianne Cutajar (Deputat u eks koordinatur tal-komunikazzjoni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru), u Robert Musumeci (eks konsulent fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru).

## 5.4. X'kien id-dmir tal-Istat f'dan il-kuntest?

- L-Istat Malti kien fid-dmir li jinvestiga u jaġixxi minnufih fuq ir-rivelazzjonijiet ta' Daphne Caruana Galizia, mingħajr ma jitqiesu l-poteri u l-influwenza li kellhom dawk l-awturi tal-kriminalità msemmija fir-rappurtaġġ tagħha.

- L-Istat Malti kien fid-dmir li jiżgura li bħala ġurnalista u ċittadin attiv li tipprovdi servizz lill-pajjiż bil-ġurnaliżmu u bl-attiviżmu tagħha, Daphne Caruana Galizia kellha l-protezzjoni minn kull tpattija.

- L-Istat kien u għadu fid-dmir li jinvestiga t-theddid fuq ħajjet Daphne, fuq il-familja u l-proprjetà tagħha, u jressaq quddiem il-qrati lill-awturi ta' dik l-intimidazzjoni u l-vjolenza kontriha matul dawk is-snin kollha, inkluż atti ta' vandaliżmu fuq il-proprjetà tagħha, fosthom attakk li pperikolalha ħajjitha u u attakki li weġġgħu jew qatlu l-klieb tagħha.

- L-Istat Malti kien fid-dmir li jiżgura li x-xandara, inkluż il-mezzi tax-xandir tal-partiti politiċi, ikopru kwistjonijiet ta' kontroversja politika bl-imparzjalità xierqa kif teżiġi l-Kostituzzjoni. B'dak il-mod, ix-xandir kellu jinkludi l-perspettiva ta' Daphne Caruana Galizia u l-attakki fuq il-kredibbiltà tagħha min-nies li rrappurtat dwarhom.

- L-Istat Malti kien fid-dmir li jittratta lil Daphne Caruana Galizia u lill-familja tagħha b'mod ġust u ma jissoġġettahomx għal tpattija, bħat-trasferiment prematur u mhux ġustifikat ta' wieħed minn uliedha fis-servizz diplomatiku.

L-Istat Malti naqas f'dawn id-dmirijiet kollha qabel l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia minkejja l-fatt li l-istituzzjonijiet kienu konxji għalkollox mill-fatti deskritti hawnhekk. Dawn huma l-fatti li wasslu lill-Prim Imħallef Silvio Camilleri biex jesprimi t-tħassib tiegħu fid-diskors ta' Ottubru 2017.[16] Dawn huma l-fatti li ħolqu l-ambjent biex tinqatel Daphne Caruana Galizia ftit ġranet wara.

---

[16] https://judiciary.mt/en/Documents/Documents/CJ%20Speach%202017.pdf

# 6. Miżuri li setgħu evitaw ir-riskju fuq ħajjet Daphne Caruana Galizia

L-Inkjesta qed tintalab ukoll biex tiddetermina jekk l-Istat Malti naqasx li jieħu miżuri fl-ambitu tas-setgħat tiegħu li, b'ġudizzju raġonevoli, jaf kien mistenni li jieħu biex jevita r-riskju fuq ħajjet Daphne Caruana Galizia.

## 6.1. Investigazzjoni inadegwata ta' reati preċedenti

Bħalma diġà ġie indikat, l-Istat Malti ma investigax il-karozzi bomba li splodew qabel l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, tal-anqas bl-istess ħeġġa li wera fl-isplużjoni tal-karozza li qatlet lil Daphne Caruana Galizia.

## 6.2. Valutazzjoni indipendenti tar-riskju

Xejn ma jissuġġerixxi li l-Istat għandu xi abbiltà vijabbli, jew protokoll fis-seħħ, biex jivvaluta u jiddeċiedi dwar ir-riskju fuq il-ħajja tal-ġurnalisti, il-familji tagħhom u l-proprjetà tagħhom, jew biex jieħu deċiżjonijiet effettivi li jipprovdu protezzjoni b'mod awtonomu mill-persuni fil-poter li jaf ikunu skomdi b'din il-protezzjoni.

Bħalissa hemm 24 ġurnalist Taljan li jgħixu bi protezzjoni armata. Id-deċiżjoni li jingħataw protezzjoni ħaduha aġenziji tal-infurzar tal-liġi mingħajr referenza għall-gvern, u bis-sorveljanza ta' kummissjoni parlamentari indipendenti. Il-ġurnalisti huma żgurati li l-iskorti tagħhom jaġixxu b'mod indipendenti mill-persuni – fosthom persuni politiċi u mill-gvern – li jkunu qed jinvestigaw, u għalhekk huma żgurati wkoll li l-indipendenza ġurnalistika tagħhom ma tkunx mhedda mill-Istat permezz ta' dawk li suppost qed jipproteġuhom.

## 6.3. Nuqqas ta' sigurtà xierqa

L-Istat Malti naqas li jipprovdi sigurtà xierqa lil Daphne Caruana Galizia biex jipproteġiha, jew naqas li jipprovdi xi għamla ta' sigurtà oħra b'mod indipendenti mill-intervent u s-superviżjoni tal-figuri politiċi li kienet qed tinvestiga. Daphne kienet fil-periklu u kienet imġielgħa tippreferi tibqa' fil-periklu biex tkun tista' twettaq

il-ġurnaliżmu tagħha bil-kunfidenzjalità li xogħolha jeħtieġ, biex tkun tista' tipproteġi lis-sorsi tagħha, u biex tevita li l-persuni li tkun se tesponi jaħbu t-traċċi tagħhom.

Nisħqu li ma nafu bl-ebda evidenza li l-Istat irrikonoxxa dawn in-nuqqasijiet jew li wera xi intenzjoni li jindirizzahom.

## 6.4. L-Istat u l-midja indipendenti

Il-ġurnalisti u l-attivisti kritiċi għadhom fil-mira ta' attakki personali mill-mexxejja politiċi li jesponu jew jikkritikaw. Ix-xandir pubbliku jaġixxi daqslikieku hu l-portavuċi tal-gvern. L-istazzjonijiet televiżivi tal-partiti politiċi huma sfruttati bħala għodda għall-persekuzzjoni u l-intimidazzjoni tal-kritiċi; u ċ-ċittadini li jkollhom il-kuraġġ jipprotestaw fil-limiti tal-liġi jisfaw vittmi ta' attakki partiġġjani. It-trolling fuq il-midja soċjali għadu sistematiku, ikkoordinat b'mod ċentrali, viljakk u kważi qatt ma ffaċċja l-ġustizzja.

Għalkemm uħud mill-politiċi korrotti tilfu l-kariga politika tagħhom, il-konsegwenzi kriminali huma improbabbli ħafna. Huma – u dawk kollha li jaspiraw għall-karigi tagħhom – jidhru fiduċjużi ferm li se tissokta l-impunità.

Il-ġurnalisti għadhom esposti għar-riskji li wasslu għall-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia. Li l-ġurnalisti u l-attivisti jingħataw is-sigurtà, mill-perspettiva tal-gvern, tkun tfisser li qed jingħataw il-kredibbiltà, u din il-gvern mhu se jaċċettaha qatt.

Id-differenza fundamentali bejn ir-realtà lejliet l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia u r-realtà issa hija li s-soċjetà ċivili rnexxielha twassal leħinha, u xi ġurnalisti u attivisti ngħaqdu flimkien biex ikomplu l-ħidma ta' Daphne ħalli jonqos ir-riskju tal-iżolament li jistgħu jġarrbu l-ġurnalisti li jaġixxu waħedhom.

## 6.5. Interess internazzjonali

Din il-kolleġġjalità u s-solidarjetà ġdida joħorġu mill-aktar fid-dieher fl-interess internazzjonali li attira l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, li aktarx issorprendiet lill-awturi tad-delitt. Il-ġurnalisti u l-attivisti li jaħdmu fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem iffokaw l-attenzjoni tagħhom fuq is-sitwazzjoni f'Malta, u dan jgħin biex dak li sar fil-konfront ta' Daphne jkun improbabbli li jirrepeti ruħu fiż-żmien li ġej. Għallinqas hekk nittamaw.

Il-vojt li ħallew u li għadhom iħallu l-fallimenti tal-Istat Malti, imtela bl-attiviżmu, bis-solidarjetà u bil-ġurnaliżmu internazzjonali. Dawn itaffu r-riskji ta' iżolament li fil-każ ta' Daphne wassal għall-qtil tagħha.

# 7. Dispożizzjonijiet effettivi tal-liġi kriminali

L-Inkjesta ntalbet tistabbilixxi jekk l-Istat kellux u għandux fis-seħħ dispożizzjonijiet ta' liġi kriminali effettivi u mezzi oħra prattiċi biex jevita li jiżviluppa Stat ta' *de facto* impunità bl-okkorrenza spissa ta' atti kriminali li ma jissolvewx u biex jiddisswadi mit-twettiq ta' reati kriminali serji, bl-appoġġ ta' makkinarju ta' infurzar tal-liġi għall-prevenzjoni, it-trażżin, l-investigazzjoni u l-kastig tal-vjolazzjonijiet serji tal-liġi.

## 7.1. Reat tal-mafja

Kieku kellna napplikaw il-liġi kriminali Taljana għall-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, l-assassinju jissejjaħ att terroristiku "*di stampo mafioso*". Il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia ma kienx maħsub biss biex itemm ħajjitha. Kien maħsub ukoll biex xogħolha u l-attiviżmu tagħha jinbidlu bis-silenzju ħalli l-persuni li ddeċidew li joqtluha jibqgħu għaddejjin bil-pjanijiet tagħhom mingħajr xkiel. Riedu jnisslu l-biża' fis-sorsi, fil-ġurnalisti, fl-attivisti, fil-politiċi tal-oppożizzjoni u f'kull min seta' jkompli ħidmitha.

Qed nużaw it-terminu "mafja" bi ħsieb. Anki fil-pajjiżi li għandhom għexieren ta' snin ta' esperjenza fil-ġlieda kontra l-mafja b'kull mezz fil-kuntest tagħhom, l-awtoritajiet idumu biex jirrikonoxxu t-theddida tal-kriminalità organizzata.

It-tendenza intuwittiva tal-awtoritajiet pubbliċi hija li jissottovalutaw is-sinifikat tal-organizzazzjonijiet tal-kriminalità. Huwa eħfef li l-atti kriminali jiġu kkunsidrati bħala inċidenti iżolati milli bħala manifestazzjonijiet ta' entità inviżibbli iżda ġganta li tuża l-kriminalità favur interessi kumplessi.

Huwa preżunt li l-mafja ma teżistix, li hija xi mit ivvintat mill-kriminali li għandhom l-illużjoni li huma potenti jew mill-ġurnalisti li għandhom tendenza jesprimu ruħhom b'mod drammatiku. Dawk li ftit li xejn jirrikonoxxu l-eżistenza tagħha, il-mafja jqisuha barranija u aljena ("fi Sqallija biss tinsab"), jew romantika u ammirabbli (l-aktar minħabba l-glorifikazzjoni ta' kriminali nobbli fiċ-ċinema), jew żgħira u bi vjolenza ordinarja (u għalhekk mhux konnessa ma' rikattar organizzat u sofistikat li jinvolvi akkwist pubbliku kumpless u l-liċenzjar ta' attivitajiet ekonomiċi b'rendiment qawwi).

Nargumentaw li l-evidenza quddiem din l-Inkjesta, l-evidenza mismugħa fil-proċedimenti kriminali li għaddejjin, u l-investigazzjonijiet ta' ġurnalisti lokali u internazzjonali wrew b'mod konvinċenti li f'Malta teżisti organizzazzjoni tal-kriminalità li tlaqqa' persuni

fin-negozju, fil-politika u fil-kriminalità biex jiffaċilitaw, jirranġaw, jinnegozjaw u jiftiehmu fuq kuntratti pubbliċi u privati permezz ta' tixħim jew koerċizzjoni.

Il-mafja aktar tinfirex meta l-eżistenza tagħha tiġi kkontestata jew injorata, u meta l-awtoritajiet ma jħossux il-ħtieġa li jiżviluppaw qafas leġiżlattiv u ta' infurzar kontra għadu li ma jaċċettawx li jeżisti.

Iċ-ċaħda żbaljata tal-eżistenza tal-mafja mhi bl-ebda mod problema biss f'Malta. Il-Pulizija Ewropea, barra mill-Italja, inkluż il-Pulizija Maltija, isibuha diffiċli biex jifhmuha bħala kunċett meta jiġu avviċinati mill-kollegi tagħhom mill-Italja li jkunu qed ifittxu persuni mafjużi madwar il-kontinent.

Madankollu, l-infiltrazzjoni estensiva tal-mafja f'pajjiżna minħabba n-natura neċessarjament vulnerabbli tal-attivitajiet ekonomiċi poruži tagħna bħas-servizzi finanzjarji u l-logħob tal-azzard online, u l-assoċjazzjoni tal-atturi internazzjonali tal-mafja ma' sħab lokali u l-kompliċi tagħhom, għamlu lil Malta post perikoluż għal min jeħodha kontra l-kriminalità organizzata.

Fil-fehma tagħna, dan il-falliment jeħtieġ jiġi indirizzat b'urġenza kbira.

## 7.2. Leġiżlazzjoni kontra l-mafja

Il-pajjiżi li għandhom leġiżlazzjoni kontra l-mafja (bħad-dispożizzjoni Taljana 416bis[17] fil-kodiċi kriminali ta' dak il-pajjiż u l-hekk imsejjaħ "Racketeer Influenced and Corrupt Organisations Act"[18] fl-Istati Uniti), jiddefinixxu organizzazzjoni tat-tip tal-mafja bħala organizzazzjoni li l-membri tagħha jużaw is-setgħa tal-intimidazzjoni minn rabtiet ta' sħubija, l-istat ta' ħakma, u kultura ta' segretezzi li din trawwem, biex jitwettaq reat, biex jinkisbu kontroll dirett jew indirett fuq attivitajiet ekonomiċi, liċenzji, awtorizzazzjonijiet, kuntratti tal-akkwist pubbliku jew servizzi, jew biex jinkisbu qligħ jew vantaġġi għalihom jew għal ħaddieħor, jew biex jiġi evitat jew jitfixkel l-eżerċizzju liberu tal-vot, jew biex jinkisbu voti għalihom jew għal ħaddieħor fl-elezzjonijiet.

Is-sħubija f'organizzazzjoni bħal din hija minnha nnifisha reat punibbli anke jekk ma tkunx tista' tinkiseb rabta diretta bejn persuna mafjuża u l-eżekuzzjoni ta' xi reat imwettaq mill-mafjużi f'isem l-organizzazzjoni. Il-penali jiġu aggravati jekk jinstab li l-membri tal-organizzazzjoni għandhom aċċess għal armi jew splussiv bil-għan li jmexxu 'l quddiem l-għanijiet tal-organizzazzjoni

[17] https://www.brocardi.it/codice-penale/libro-secondo/titolo-v/art416bis.html
[18] https://en.wikipedia.org/wiki/Racketeer_Influenced_and_Corrupt_Organizations_Act

In-nuqqas tal-possibbiltà legali li jiġu segwiti membri komponenti ta' organizzazzjoni kriminali organizzata li s-sħubija u l-assoċjazzjoni tagħhom tista' tiġi ppruvata, anke jekk l-involviment dirett tagħhom fl-ikkummissjonar jew fl-eżekuzzjoni ta' reat speċifiku mwettaq f'isem dik l-organizzazzjoni ma jistax jiġi ppruvat, jirriskja li l-persuni li bir-raġun kollu għandhom jinżammu responsabbli għal dak li ġara lil Daphne Caruana Galizia, ikunu jistgħu jeħilsuha ħafif.

M'hemmx dubju li d-delitt – li temm ħajjet Daphne Caruana Galizia – hu att kriminali mill-aktar gravi li jeżiġi l-aktar konsegwenza gravi. Iżda l-qtil ma jistax jinfired mill-akkwist pubbliku korrott, mill-ħasil tal-flus, mit-tixħim u mill-manipulazzjoni tal-voti li wasslu għall-qtil ta' Daphne talli kixfet. Daphne nqatlet biex l-attivitajiet l-oħra ta' din l-organizzazzjoni jibqgħu għaddejjin mingħajr xkiel. Minbarra l-persuni li bil-provi kienu involuti direttament fil-qtil ta' Daphne, il-konsegwenzi u l-kastig għandhom ibatuhom ukoll dawk kollha li l-qligħ illeċitu u l-influwenza elettorali tagħhom kienu protetti bil-qtil tagħha.

Jekk il-prosekuzzjoni fil-konfront ta' din il-xibka kriminali organizzata tissejjes fuq elementi u manifestazzjonijiet limitati tal-azzjoni tal-mafja, mingħajr ma titqies l-eżistenza tal-mafja minnha nnifsha, l-istess xibka tkun qed titħalla attiva relattivament mingħajr konsegwenzi.

Sakemm il-liġijiet ta' pajjiżna jibqgħu jiċħdu l-eżistenza tal-mafja u ma jirrikonoxxux li s-sempliċi eżistenza tagħha hi theddida għall-vijabbiltà tal-Istat Malti stess, qatt mhu se jirnexxilna nindirizzaw ix-xibka vjolenti li ħakmet lil pajjiżna.

Din mhix dwar persuna li qatlet ġurnalista għax kienet waslet biex tesponi s-sigrieti tagħha. Jew minflok, din mhix sempliċiment dwar hekk. Din tikkonċerna organizzazzjoni li timmanipula r-relazzjoni bejn l-interessi privati u s-settur pubbliku, b'mod sistematiku u sigriet, għall-gwadann tagħha.

## 7.3. Infurzar tal-liġi federali għal reati federali

Il-kriminalità organizzata hija globalizzata, u fil-kuntest Ewropew tisfrutta l-libertajiet tal-moviment tal-persuni u l-flus. Il-kriminali jisfruttaw il-kombinament tal-integrazzjoni tas-suq Ewropew u l-frammentazzjoni tal-pulizija u l-ġustizzja fl-UE.

L-istrutturi attwali ta' kooperazzjoni jiddependu fuq ir-rieda tajba u l-kooperazzjoni tal-forzi lokali. Ċertament li fil-każ tal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, dan ma saritx dejjem kif mistenni.

L-eks direttur eżekuttiv tal-Europol ilmenta b'lingwaġġ diplomatiku li l-kooperazzjoni tal-pulizija ta' Malta mal-Europol "kellha lok għal titjib".[19]

Dan il-kumment irid jitqies fil-kuntest tar-rivelazzjoni sussegwenti li uffiċjali għoljin tal-pulizija ta' Malta kellhom relazzjonijiet diretti ma' persuni suspettati.

L-istampa Taljana[20] rrappurtat li xi snin qabel l-arrest tiegħu f'Malta, il-pulizija Taljana ppruvat tinnotifika lil Yorgen Fenech b'rabta ma' investigazzjoni dwar xiri ta' logħob li kellha suspett li kien involut fih. Iżda dawn in-notifiki qatt ma waslu għax il-pulizija Maltija kienet qed tibgħat lura kull korrispondenza indirizzata lil Yorgen Fenech peress li l-indirizz tiegħu "ma kienx magħruf".

Malta tat il-liċenzja lil aktar minn 25 bank internazzjonali li jipproċessaw biljuni ta' ewro. Ħarġet eluf ta' passaporti lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jgħixux Malta u li ftit li xejn iżuru l-pajjiż. Ospitat porzjon kbir tal-industrija tal-logħob tal-azzard tal-Ewropa. Ħafna drabi, il-vittmi ta' reati potenzjali li jużaw dawn l-għodod ikunu barra minn Malta.

Nargumentaw li biex wieħed ilaħħaq mal-kriminalità federalizzata, għandhom jiġu federalizzati wkoll l-infurzar tal-liġi Ewropea u l-ġustizzja kriminali. Il-kriminalità transfruntiera jeħtieġ tiġi definita bħala federali, biex il-pulizija federali jkollha s-setgħa tinvestiga, jekk ikun meħtieġ, mingħajr referenza għall-awtoritajiet lokali, u tressaq akkużati quddiem il-qrati federali.

Filwaqt li ma nissottovalutawx il-kumplessità politika ta' proposta bħal din, in-nuqqas ta' viżjoni politika toħloq ambjent għal kriminalità sofistikata, b'mod partikolari l-kriminalità finanzjarja.

## 7.4. Rikkezzi mhux spjegati

L-infurzar tal-liġijiet kontra l-kriminalità finanzjarja, inkluż it-tixħim u l-korruzzjoni, hu notorjament diffiċli minħabba l-għodod disponibbli għall-kriminali biex jgħattu xturhom. Madankollu, kull min għandu ferm aktar rikkezzi minn kemm jiġġustifika l-introjtu spjegat tiegħu, hu l-benefiċjarju ta' introjtu li ma jistax jiġġustifika. Bħala eżempju nistgħu nieħdu l-każ ta' Alfred Degiorgio li qed jiġi akkużat bil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. Dan affordja jixtri karozzi u dgħajjes u jilgħab ammonti ġmielhom ta' flus fil-casinos, minkejja l-fatt li kien uffiċjalment qiegħed għal għexieren ta' snin.

Il-qafas leġiżlattiv tagħna mhux attrezzat b'miżuri li fir-Renju Unit isejħulhom "unexplained wealth orders", jiġifieri tip ta' ordnijiet maħruġa mill-qrati Brittaniċi biex

[19] https://www.theguardian.com/world/2018/apr/27/europol-warns-of-hurdles-in-daphne-caruana-galizia-case
[20] https://www.lasicilia.it/news/catania/305936/giornalista-uccisa-a-malta-mandante-coinvolto-in-un-inchiesta-a-catania.html

persuni jiġu mġiegħla jiżvelaw is-sorsi tar-rikkezzi mhux spjegati tagħhom. Dawn kienu ġew introdotti mit-Taqsimiet 1-2 tal-Att tal-2017 dwar il-Finanzi Kriminali, u huma regolati mit-Taqsimiet 362A-362T tal-Parti 8 tal-Att tal-2002 dwar ir-Rikavati mill-Kriminalità. Il-persuni li ma jagħtux rendikont ikunu soġġetti għal konfiska tal-assi, jekk xi awtorità tal-infurzar, bħall-Aġenzija Nazzjonali tal-Kriminalità, tagħmel appell b'suċċess quddiem il-High Court.

Is-setgħa tal-ordnijiet dwar ir-rikkezzi mhux spjegati fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus tinsab fil-prinċipju tar-reverse onus. Nifhmu li l-gvern Malti kkunsidra li jadotta dispożizzjoni simili fil-leġiżlazzjoni tagħna, iżda mbagħad iddeċieda li jagħtiha l-ġenb jew li jipposponiha b'mod indefinit.

Għandna għalfejn nemmnu li din id-deċiżjoni ħaduha persuni fil-gvern u oħrajn qribhom għax huma ma kinux jistgħu jwieġbu b'mod xieraq għal ordni bħal din, dwar ir-rikkezzi mhux spjegati. Dan it-twemmin hu sostnut b'rapporti li membri tal-Grupp Parlamentari Laburista qed jirrifjutaw li jikkonformaw mat-talbiet tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għal aktar informazzjoni dwar l-assi u l-introjtu tagħhom minn dik minima li jeħtieġ jelenkaw statutorjalment fid-dikjarazzjonijiet perjodiċi tagħhom.[21]

## 7.5. Waqfien jew tfixkil fil-kors tal-ġustizzja

Jeħtieġ ikun hemm deterrent ċar biex jiġi evitat li l-persuni f'awtorità politika jużaw u jabbużaw mill-poter tagħhom biex jipprevjenu investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet b'rabta mal-kondotta tagħhom jew ta' xi assoċjati u alleati politiċi tagħhom.

Jeħtieġ ikun reat speċifiku li persuna b'kariga pubblika tipprova tfixkel lill-pulizija, lill-prosekuturi, lil investigaturi jew lil uffiċjali oħra bħall-Awditur Nazzjonali, l-Ombudsman jew il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika milli jwettqu investigazzjonijiet ta' natura bħal din.

It-tfixkil jista' jinkludi l-perġurju, id-dikjarazzjonijiet foloz lil uffiċjali, il-manipulazzjoni ta' ġurija, il-qerda ta' evidenza, u oħrajn. Jeħtieġ li t-tfixkil japplika wkoll għal koerċizzjoni evidenti ta' qorti jew uffiċjali tal-gvern permezz ta' theddid jew dannu fiżiku reali, u għal tixwix kontra qorti jew uffiċjal tal-infurzar tal-liġi li jimmina l-apparenza ta' awtorità leġittima.

It-Taqsima 139 tal-Kodiċi Kriminali Kanadiż hi mudell possibbli għal dan.[22]

---

[21] https://timesofmalta.com/articles/view/mps-refuse-to-divulge-families-assets.831823

[22] https://en.wikipedia.org/wiki/Perverting_the_course_of_justice

Kieku Malta kellha dawn l-għodod leġiżlattivi fis-seħħ, il-korpi tal-infurzar tal-liġi kien ikollhom is-setgħa li jaġixxu f'diversi okkażjonijiet qabel u wara l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. Kien hemm diversi episodji ta' qerda suspettata ta' rekords pubbliċi, meta ntużaw kontijiet privati tal-emails għal ħidma uffiċjali biex jiġi mminat il-proċess tal-awditjar u l-verifika, meta ma ngħatatx evidenza jew ingħatat evidenza kontradittorja – u għalhekk parzjalment evidenza mhux trasparenti – u tattiċi oħra minn Joseph Muscat u min-nies ta' madwaru biex jevitaw ostakli għall-inizjattivi korrotti li wettqu.

Bħal bosta ġurisdizzjonijiet oħra, jidhrilna li għandu jkun reat kriminali li uffiċjal pubbliku jwettaq ħidma uffiċjali b'mezzi tal-komunikazzjoni privati, bħal kontijiet privati tal-email jew għodod tal-messaġġi privati.

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet u oħrajn miġbura f'din it-taqsima jagħtu suġġerimenti għal riformi leġiżlattivi li ċertament jirfsu xi daqsxejn uħud mid-dispożizzjonijiet eżistenti, li ftit li xejn jintużaw, tal-Kodiċi Kriminali tagħna; bħal dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-miżappropriazzjoni, l-abbuż mill-pożizzjoni, it-tfixkil jew l-attakki fuq uffiċjali pubbliċi fil-qadi ta' dmirijiethom, u dispożizzjonijiet oħra koperti b'liġijiet amministrattivi speċifiċi.

M'hemmx għalfejn jingħad li qabel jiddaħħal titjib leġiżlattiv bħal dan, jeħtieġ issir riċerka dettaljata u konsultazzjoni estensiva.

## 7.6. Abbuż mill-kariga u mġiba ħażina fil-kariga

Il-qafas leġiżlattiv tagħna wera li hu dgħajjef ukoll fil-qlieda kontra l-korruzzjoni. Jeħtieġ ikun reat kriminali li fondi pubbliċi jintefqu b'mod irresponsabbli, bil-ħela, jew għall-benefiċċju tal-interessi privati minflok għall-interess pubbliku jew bħala kontribut għall-ġid komuni.

L-infiq ta' fondi pubbliċi mill-gvern ta' Joseph Muscat biex jiġu kkumpensati xhieda potenzjali ta' korruzzjoni u jinxtara s-skiet tagħhom jew tissokta l-kompliċità tagħhom għandu, bir-raġun, ikun punibbli. Insemmu, ngħidu aħna, kuntratt li sar fuq struzzjonijiet ta' Joseph Muscat bejn l-aġenzija tat-turiżmu u Konrad Mizzi bħala kumpens għar-riżenja tiegħu bid-diżunur mill-uffiċċju tal-Ministru responsabbli għall-istess aġenzija talli kien ġie espost għal skandli ta' korruzzjoni mhux relatati.

Għalkemm il-Prim Ministru Robert Abela u l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika qiesu dan il-kuntratt bħala inaċċettabbli, la Joseph Muscat u lanqas Konrad Mizzi ma batew xi konsegwenzi. Dan l-aħħar, l-iSpeaker tal-Parlament iddeċieda li ladarba Joseph Muscat m'għadux Membru Parlamenti, il-kwistjoni ma tistax tibqa' tiġi mistħarrġa aktar mill-Kumitat Parlamentari għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika. Din

id-deċiżjoni kompliet issaħħaħ il-kultura tal-impunità meta l-poter jiġi abbużat għal skopijiet ta' korruzzjoni.

Fil-fehma tagħna, l-abbuż tal-kariga għandu jkun reat speċifiku li, għajr meta jkun sar reat ferm aktar gravi, ikun punibbli b'kastig xieraq meta uffiċjal pubbliku, fil-qadi ta' dmirijietu, jikser ir-regoli ta' kondotta previsti fil-liġi jew atti li jmorru lil hinn mill-poteri mogħtija lilhom bil-liġi, jew jonqos milli jastjeni f'każijiet kunfliġġenti għalih, jew jipprova jikseb vantaġġ inġust jew mhux dovut għalih jew għal ħaddieħor, jew jikkawża żvantaġġ inġust lil xi ħadd.

L-Artikolu 323 tal-Kodiċi Kriminali Taljan hu mudell possibbli għal dan.[23]

Fil-liġi Ingliża, imġiba ħażina f'kariga pubblika hija reat bil-liġi komuni, ipproċessata biss wara kap ta' akkuża. Hija punibbli b'sentenza massima ta' għomor il-ħabs. Hija reat limitat għall-persuni b'kariga pubblika li jitwettaq meta l-persuna fil-kariga taġixxi (jew ma taġixxix) b'mod li jikkostitwixxi ksur tad-dmirijiet ta' dik il-kariga.

Ir-reat jitwettaq meta uffiċjal pubbliku li jaġixxi b'dan il-mod, jonqos volontarjament milli jwettaq dmirijietu u/jew ikollu mġiba volontarjament ħażina sa grad li jammonta għal abbuż mill-fiduċja tal-pubbliku f'dan l-uffiċjal mingħajr skuża jew ġustifikazzjoni raġonevoli.[24] L-evidenza mismugħa minn din l-Inkjesta tissuġġerilna li l-kriterji għal dan ir-reat ġew issodisfati diversi drabi f'dawn l-aħħar snin.

## 7.7. Finanzjament tal-kampanji

F'dan il-kuntest, il-kostituzzjoni sottostanti u mhux miktuba tal-istrutturi tal-poter tagħna għadha mhix regolata u għadha vulnerabbli fundamentalment għall-korruzzjoni. Parti żgħira biss mid-dħul tal-partiti politiċi jfondiha l-Istat. Il-maġġorparti tar-riżorsi tagħhom jiksbuhom b'finanzjament mingħand il-privat. Il-finanzjament privat tal-partiti politiċi jirrifletti l-espressjoni ħielsa, iżda r-regolamentazzjoni u s-sorveljanza huma dgħajfa u għalhekk il-partiti jkollhom jidħlu f'relazzjonijiet dipendenti mal-kontributuri tagħhom.

Karatteristika lokali partikolari tal-flus li n-negozji l-kbar jagħtu lill-partiti politiċi hija li l-intenzjoni rari tkun l-ideoloġija politika jew is-sostenn għal xi forma ta' programm politiku. In-negozji l-kbar jgħidu li huma jagħtu donazzjonijiet "ugwali" liż-żewġ partiti politiċi u għalhekk il-pagamenti tagħhom aktar qishom xi taxxa informali jew xi flus għal protezzjoni milli l-espressjoni ħielsa ta' opinjoni politika.

[23] https://www.brocardi.it/codice-penale/libro-secondo/titolo-ii/capo-i/art323.html
[24] http://www.uniset.ca/other/css/20051QB73.html

Sandro Chetcuti, il-Kap tal-Assoċjazzjoni Maltija tal-Iżviluppaturi xehed quddiem din l-Inkjesta li lill-partiti jagħtihom "l-istess ammont ta' donazzjoni,"[25] filwaqt li Nazzareno Vassallo, wieħed mill-kuntratturi ewlenin f'Malta, iddikjara li "fl-aħħar 40 sena, iż-żewġ partiti talbuni donazzjonijiet u jien għenthom bl-istess mod."[26] F'dan ix-xenarju, dawn id-"donazzjonijiet" ma jistgħux ma jitqisux bħala investimenti jew selfiet li jridu jitħallsu lura bi mgħax konsiderevoli, naturalment minn but il-poplu.

Dan hu l-każ ukoll fejn jidħlu r-relazzjonijiet personali ta' kandidati individwali għal karigi pubbliċi u l-finanzjaturi privati tagħhom. Il-kandidati parlamentari m'għandhom l-ebda finanzjament pubbliku u jiddependu fuq il-ġid tagħhom jew fuq il-kontribuzzjonijiet ta' donaturi f'sistema xejn trasparenti, ftit li xejn regolata, u li mhi sorveljata bl-ebda mod minn aġenzija indipendenti.

Il-korruzzjoni rnexxilha tifrex l-għeruq fis-sisien tas-sistema demokratika tagħna, u biex issir riforma fundamentali, dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet (il-Parlamentari) jeħtieġ jeżaminaw mill-ġdid l-eżistenza proprja tas-sistema li tathom il-poter politiku.

## 7.8. Protezzjoni lill-informaturi

Fil-kuntest tas-segretezza inerenti għal raġunijiet ta' kompetizzjoni ġusta, b'mod partikolari fl-akkwist pubbliku, evidenza kredibbli ta' għemil ħażin tista' tiġi żgurata biss jekk xi persuni minn jeddhom jiddeċiedu li jikkooperaw u jiksru l-kunfidenzjalità billi jipprovdu lill-istampa, lill-pubbliku, u eventwalment lill-awtoritajiet, evidenza li huma biss għandhom aċċess għaliha.

Mid-definizzjoni tagħhom, l-informaturi huma vulnerabbli. Jaf jitilfu l-introjtu tagħhom u jġarrbu konsegwenzi talli jkunu kisru r-regoli tal-kunfidenzjalità u tas-segretezza. Jaf ukoll ibatu konsegwenzi b'rabta mal-prospetti tagħhom tal-impjieg, irrispettivament minn kemm ikun nobbli s-sagrifiċċju tagħhom.

L-informaturi huma wkoll persuni li mhumiex perfetti. Għal xi żmien, aktarx kienu kompliċi f'għemil ħażin li mbagħad jiddeċiedu li joħorġuh fil-beraħ. Il-motivazzjoni tagħhom li jikxfu lil xi eks kollega jew kap tagħhom jaf ma tkunx għalkollox nobbli. Dan jesponihom għal attakki fuq il-kredibbiltà u l-karattru tagħhom bħala tentattiv biex jiskreditaw il-valur tal-informazzjoni li jkunu qed jipprovdu, anke jekk tkun veritiera.

---

[25] https://lovinmalta.com/news/malta-developers-head-confirms-he-donates-to-both-major-political-parties-in-equal-measure/
[26] https://timesofmalta.com/articles/view/parties-ask-everyone-for-donations.362042

Il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-informaturi tagħti protezzjoni legali lix-xhieda biss meta l-gvern jaċċetta li jagħtiha. Din ġiet sfruttata mill-amministrazzjoni ta' Joseph Muscat meta ma aċċettatx li tagħti protezzjoni lil xhieda li setgħu jesponu l-għemil ħażin ta' persuni fl-amministazzjoni. Minflok, il-gvern għamel kampanji sħaħ ta' intimidazzjoni biex isikkithom. Dawn il-kampanji waslu saħansitra sal-punt li ssir persekuzzjoni ta' xhud barra l-pajjiż permezz tal-mekkaniżmi tal-Istat Malti għal tentattivi ta' estradizzjoni. Pereżempju, kellu jkun bl-intervent tal-qrati ta' Stat Membru ieħor tal-UE biex Maria Efimova, informatur ewlieni fl-iskandlu tal-Pilatus Bank, tingħata protezzjoni, għallinqas għalissa, milli taffaċċja miżuri punittivi kontriha fil-qrati Maltin mill-eks impjegatur tagħha li esponiet u minn Joseph Muscat.

Nirrakkomandaw li t-traspożizzjoni tad-Direttiva l-ġdida tal-UE dwar il-protezzjoni tal-informaturi[27] tkun opportunità għal riforma kredibbli f'dan il-qasam. Ninsabu ddiżappuntati li l-gvern ħabbar li se jibqa' jkarkar bit-traspożizzjoni tad-Direttiva sal-aħħar mument possibbli, jiġifieri sa Diċembru 2021, meta dan il-proċess miexi ġmielu fil-bqija tal-Istati Membri tal-UE. Frustrati wkoll li l-gvern għadu ma ppubblika l-ebda abbozz ta' leġiżlazzjoni, aħseb u ara kemm beda l-konsultazzjonijiet mas-soċjetà ċivili dwar dan is-suġġett.

## 7.9. Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni

Il-gvern qed juri nuqqas kbir ta' entużjażmu għal riformi b'rabta mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni fi ħdanu. Nirreferu għas-sejbiet tal-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (il-GRECO) tal-Kunsill tal-Ewropa, li ħafna mir-rakkomandazzjonijiet tiegħu[28] għadhom mogħtija l-ġenb. Dawn jeħtieġ jitqiesu mill-ġdid għax l-adozzjoni tagħhom tista' tgħin biex tonqos it-tossiċità tal-ambjent li wassal għall-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, ġurnalista kontra l-korruzzjoni.

Il-GRECO rrakkomanda li:

1. *"jittieħdu miżuri biex tissolva s-sitwazzjoni legali tal-persuni ta' fiduċja, u biex l-għadd ta' dawn l-uffiċjali maħtura bid-diskrezzjoni jkun limitat għal minimu assolut, u li dawk b'kariga eżekuttiva għolja jkunu konformi mal-ogħla standards ta' integrità, inkluż fejn jidħlu r-regoli ta' kondotta, il-kunflitti ta' interess, l-obbligi ta' dikjarazzjoni, u s-superviżjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika."*

   Bħalissa fil-Parlament qed issir diskussjoni dwar liġi "biex tissolva s-sitwazzjoni legali tal-persuni ta' fiduċja" iżda aktarx se tkun miżura li tikser l-Artikolu 110

[27] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/en/TXT/?uri=CELEX%3A32019L1937
[28] https://rm.coe.int/grecoeval5rep-2018-6-fifth-evaluation-round-preventing-corruption-and-/168093bda3

tal-Kostituzzjoni, jiġifieri l-gvern se jipprova jgħaddi att illeġittimu mill-Parlament li jilleġiżla s-sistema attwali li tuża l-impjiegi tas-settur pubbliku biex joħloq kasta mħallsa minn flus il-poplu, li ssib art għammiela għall-korruzzjoni, għall-klijenteliżmu u għall-abbuż tad-drittijiet taċ-ċittadini. Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika kkritika l-abbozz tal-liġi u wissa li dan se jnaqqas il-kompetenza tiegħu ta' superviżjoni u jdgħajjef l-istandards tal-integrità, jiġifieri eżattament il-kontra tar-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO.

2. *"abbażi ta' valutazzjonijiet xierqa tar-riskju titfassal u titwettaq strateġija ta' integrità fir-rigward tal-kategoriji pertinenti kollha tal-persuni fdati b'kariga eżekuttiva għolja;*

3. *"(i) jittieħdu miżuri aktar sodi u sistematiċi għas-sensibilizzazzjoni (eż. taħriġ introduttorju jew ta' aġġornament, sessjonijiet ta' ħidma, dokumenti gwida, tfakkiriet bil-miktub) lill-persuni kollha fdati b'kariga eżekuttiva għolja, fil-bidu tat-terminu tagħhom u f'intervalli regolari matulu, (ii) l-informazzjoni dwar ir-rekwiżiti ta' integrità għall-uffiċjali pubbliċi u l-osservanza tagħhom tkun disponibbli għalihom, inkluż billi titqiegħed fuq il-websites tal-awtoritajiet pubbliċi;*

4. *"jinfirdu l-funzjonijiet ta' konsulenza kunfidenzjali u ta' infurzar li għandu l-Kummissarju dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, u dik tal-ewwel tiġi fdata f'idejn persuni jew korpi oħra;*

5. *"(i) l-implimentazzjoni tal-Att tal-2008 dwar il-Libertà tal-Informazzjoni tkun soġġetta għal analiżi indipendenti u bir-reqqa u (ii) fid-dawl tas-sejbiet, jittieħdu miżuri addizzjonali biex l-eċċezzjonijiet għar-regola tal-iżvelar pubbliku jiġu interpretati u applikati b'mod aktar speċifiku u strett;*

6. *"bħala regola, jiġi previst l-iżvelar mill-gvern tal-abbozzi ta' leġiżlazzjoni u ta' testi oħra li jkunu ta' interess għall-pubbliku, u jsir il-livell ta' konsultazzjonijiet xierqa, u f'dak il-kuntest li (i) jkunu possibbli biss eċċezzjonijiet speċifiċi u limitati għal din ir-regola, u jiġu regolati b'mod ċar, u li (ii) l-eżiti tal-proċeduri tal-konsultazzjoni pubblika jiġu ppubblikati online mingħajr ħafna dewmien u b'mod li jkun aċċessibbli faċilment;*

7. *"jiġu stabbiliti regoli li jirregolaw (i) il-kuntratti bejn persuni b'kariga eżekuttiva għolja u lobbisti/partijiet terzi li jippruvaw jinfluwenzaw il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u (ii) l-iżvelar ta' dawn il-kuntatti u s-suġġetti diskussi;*

8. *"titfassal u titwettaq strateġija li ssaħħaħ il-kapaċità, l-awtorità u l-akkontabbiltà pubblika tal-istituzzjonijiet tal-Istat fdati b'funzjonijiet regolatorji u ta' kontroll fir-rigward tal-ġestjoni tar-riżorsi pubbliċi;*

9. *"is-sistema li tittratta l-kunflitti ta' interess tkun supplimentata b'dispożizzjonijiet u gwida ċari dwar (i) rekwiżit li persuni b'kariga eżekuttiva għolja jeħtieġ jiżvelaw kunflitti* ad hoc*, u (ii) proċeduri, responsabbiltajiet u skadenzi ċari biex jissolvew is-sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess, inkluż wara lmenti mill-pubbliku jew minn istituzzjonijiet oħra;*

10. *"(i) id-dispożizzjonijiet attwali dwar l-inkompatibbiltajiet u l-attivitajiet sekondarji applikabbli għall-persuni fdati b'karigi eżekuttivi għolja jsiru aktar koerenti u robusti għall-kategoriji kollha ta' dawn il-persuni, b'limiti aktar ċari u aktar stretti fuq l-attivitajiet paralleli permissibbli, u (ii) jiddaħħlu proċeduri, responsabbiltajiet u skadenzi speċifiċi biex jissolvew dawn is-sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess, wara żvelar* ad hoc *u/jew ilmenti mill-pubbliku jew minn istituzzjonijiet oħra;*

11. *"ir-reġim attwali tad-dikjarazzjoni tal-assi u tal-interessi jiġi żviluppat aktar billi (i) jiġi estiż għall-persuni fdati b'kariga eżekuttiva għolja, inkluż għall-persuni ta' fiduċja li huma assoċjati mat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' xi Ministru, id-dmir li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni dettaljata lill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, u jiġi kkunsidrat li tiżdied informazzjoni dwar il-konjuġi (hu mifhum li din l-informazzjoni dwar il-konjuġi m'hemmx bżonn tiġi ppubblikata), u (ii) ikun żgurat li d-dikjarazzjonijiet kollha jkunu aċċessibbli għall-pubbliku b'mod sistematiku, faċli u online;*

12. *"ikun żgurat li (i) d-dikjarazzjonijiet tal-assi u tal-interessi tal-persuni fdati b'karigi eżekuttivi għolja jkunu soġġetti għal kontrolli effettivi u proattivi mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, u għalhekk l-istituzzjoni tingħata mezzi legali, umani u oħrajn, u tintalab tirrapporta pubblikament u regolarment dwar ix-xogħol tagħha, u (ii) ikunu applikabbli konsegwenzi ċari u sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi li jiżguraw l-eżattezza u l-korrettezza tal-informazzjoni ddikjarata kif ukoll il-mili tajjeb tad-dikjarazzjonijiet, inkluż il-possibbiltà li kwistjoni tingħadda għal investigazzjoni kriminali;*

13. *"(i) issir riforma tas-sistema tal-investigazzjoni kriminali u tal-prosekuzzjoni fir-rigward tal-persuni fdati b'kariga eżekuttiva għolja, skont il-linji identifikati mill-Kummissjoni Venezja fil-valutazzjoni tagħha minn Diċembru 2018, u jingħata rwol ċentrali attiv lill-prosekuturi u mingħajr ma tinżamm il-ġurisdizzjoni parallela tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni u (ii) jiġi ċċarat għall-korpi investigattivi kriminali li l-ftuħ ta' inkjesta jew investigazzjoni jista' jkun ibbażat fuq suspett raġonevoli u li m'hemmx bżonn il-preżentazzjoni ta' xi evidenza;*

14. *"(i) tiddaħħal leġiżlazzjoni li tagħti awtorità lill-korpi investigattivi kriminali biex fl-investigazzjoni ta' reati tal-korruzzjoni jkunu jistgħu jesploraw u jużaw tekniki investigattivi speċjali (bħal interċettazzjonijiet telefoniċi u miżuri simili), filwaqt li l-awtorità ġudizzjarja jkollha s-setgħa tawtorizza l-użu tagħhom, u l-evidenza miksuba b'dan il-mod tkun ammissibbli fil-qrati diment li tkun rispettata*

*l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u ii) l-awtoritajiet kollha involuti fl-investigazzjoni ta' reati tal-korruzzjoni jkollhom għarfien ċar li l-evidenza miksuba legalment b'dawn il-mezzi hija evidenza ammissibbli fil-qrati;*

15. *"(i) bħala regola, il-persuni kollha fdati b'kariga eżekuttiva għolja jkunu soġġetti għas-superviżjoni tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, u għalhekk dan għandu jkollu r-riżorsi u l-possibbiltajiet xierqa biex iwettaq inkjesti u jipproponu sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, u (ii) il-ġurisdizzjoni tal-Kummissarju testendi għal sitwazzjonijiet li jkunu għaddejjin anki meta dawn jirriżultaw minn azzjonijiet li jmorru lura qabel l-adozzjoni tal-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika."*

Ma nafu bl-ebda evidenza ta' xi azzjoni mill-gvern biex jimplimenta dawn il-miżuri, minkejja l-fatt li, bir-raġun kollu, l-esperjenza tal-pajjiż fl-aħħar tmien snin tagħmel dawn ir-riformi tant urġenti.

## 7.10. Qafas istituzzjonali inadegwat

L-inadegwatezza tal-qafas leġiżlattiv tagħna tkompli tiggrava bin-nuqqas tal-Istat Malti li jinforza l-liġijiet li diġà għandna għal reat kriminali ta' din l-iskala u dan is-sinifikat.

L-Inkjesta semgħet evidenza ta' kollużjoni, jew mill-anqas ta' qrubija inaċċettabbli u komprometttenti, bejn it-tmexxija tal-investigazzjoni tal-pulizija dwar min ikkummissjona l-assassinju, u l-persuna li eventwalment ġiet akkużata li allegatament hi l-moħħ wara l-assassinju: il-każ tal-eks Deputat Kummissarju Silvio Valletta. Il-qrubija kienet teżisti fl-ambjent ta' impunità deskritt hawn fuq, u kompliet titgħarraq bl-involviment ta' uffiċjali għolja tal-pulizija. Il-fatt li parti minn dik il-qrubija inaċċettabli ħarġet fid-dieher jagħtina x'nifhmu li ċerti elementi tal-Pulizija Maltija huma ferm aktar kompliċi fil-kriminalità minn kemm nafu s'issa. L-investigazzjoni li għaddejja dwar il-kondotta tal-eks Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar hija rilevanti f'dan ir-rigward.

Din, flimkien mal-ingwanti tal-ħarir li bihom Peter Grech, kif ġie mistqarr, tratta lil suspettati ta' delitti tal-kullar abjad meta kien jokkupa l-kariga ta' Avukat Ġenerali, jgħaqqdu stampa tal-waħx ta' indifferenza lejn il-liġi u ta' reġim ta' protezzjoni għall-mafja ffinanzjat mill-Istat.

Iżda anke jekk hemm il-possibbiltà (remota) li kull membru tal-Pulizija Maltija u kull persuna fis-servizz tal-prosekuzzjoni u fil-qrati jaqdi dmiru skont il-kuxjenza, xorta jibqa' l-fatt li l-qafas legali u istituzzjonali eżistenti hu għalkollox inadegwat għaċ-ċirkostanzi attwali.

Kieku pajjiżna kellu leġiżlazzjoni kontra l-mafja, stajna nintroduċu miżuri li jagħtu setgħat lill-korpi tal-infurzar tal-liġi biex jirnexxilhom jegħlbu l-isfidi tal-kriminalità ta' din ix-xeħta u ta' din l-iskala. Bl-ebda mod m'aħna nissuġġerixxu li d-drittijiet tal-bniedem ta' xi ħadd, inkluż id-drittijiet ta' persuni akkużati b'reati tal-mafja, għandhom jiġu kompromessi jew sospiżi għal xi raġuni jew oħra. Iżda qed nissuġġerixxu dispożizzjonijiet speċjali ta' sigurtà waqt id-detenzjoni li jipprevjenu lill-mafjużi milli jkomplu jmexxu l-attivitajiet kriminali tagħhom minn ġol-ħabs. Jidhrilna wkoll li l-liġijiet u s-sistemi tagħna għandhom jipprevedu faċilitajiet siguri għad-detenzjoni u l-proċessi kriminali. Jeħtieġ nikkunsidraw li nżidu t-trasparenza tal-proċedimenti kriminali ta' din l-għamla billi nxandruhom b'mod televiżiv. Jenħtieġ nikkunsidraw proċeduri li jippermettu lill-pulizija li f'każijiet speċifiċi, definiti sew u b'sorveljanza ġudizzjarja, jestendu l-ħin tal-arrest tal-persuni suspettati qabel jittellgħu l-qorti, għal aktar minn 48 siegħa.

Hawn jiġu f'moħħna x-xenati tal-arresti u r-rilaxxi, wieħed ġol-ieħor, ta' Yorgen Fenech f'Novembru u Diċembru 2019; niftakru fl-awli ffullati u xejn prattiċi fejn il-familjari tal-vittma spiċċaw bilqiegħda ħdejn sħab l-akkużati, filwaqt li ġie limitat l-aċċess għall-pubbliku. Kien ikun xieraq li din l-Inkjesta Pubblika tiġi pprovduta b'mod televiżiv. Niftakru fl-evidenza li ma tistax tiġi injorata, u li tissuġġerixxi li l-persuni arrestati b'rabta mal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia jibqgħu f'pożizzjoni li jinnegozjaw l-interessi tagħhom stess barra mill-ambitu tal-proċess legali.

Imħassbin ukoll dwar is-sikurezza tal-maġistrati, tal-uffiċjali tal-qorti, tal-prosekuturi, tal-uffiċjali tal-pulizija, tal-avukati, tax-xhieda u tal-ġurnalisti li qed jaħdmu fuq dan il-każ. Sar theddid, online u mhux, li fid-dawl taċ-ċirkostanzi, jeħtieġ jittieħed bis-serjetà Minbarra għas-sikurezza ta' dawn l-uffiċjali pubbliċi, imħassbin ukoll li dan it-theddid jista' jkollu effett dissważiv fuq l-abbiltà tagħhom li jaqdu dmirhom bis-sħiħ. Jenħtieġ jitfasslu proċedimenti speċjali kontra l-mafja biex l-Istat Malti jkollu s-setgħa jiżgura li l-kriminali kollha, organizzati jew perikolużi, jaffaċċjaw il-ġustizzja u jħallsu għal għemilhom.

## 7.11. "Pajjiżna jixraqlu ġustizzja"

Minnufih wara l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, l-eks Prim Ministru Joseph Muscat kien qal, "Il-pajjiż jixraqlu ġustizzja."[29] Il-kumment kellu l-istess stil bħal kummenti li għamel band'oħra, meta stqarr li dan kien oltraġġ għad-demokrazija u l-espressjoni ħielsa f'Malta.

Dawn il-kelmiet saħqu l-importanza ta' dan ir-reat fil-kuntest korrett. Bla dubju, bħal fil-każ ta' kwalunkwe reat ieħor, il-vittmi u l-qraba tagħhom jixirqilhom ġustizzja soda u

[29]https://timesofmalta.com/articles/view/shock-outrage-and-concern-reactions-to-caruana-galizias-murder-pour-in.660580

mingħajr dewmien. Filwaqt li l-persuni akkużati li kienu l-awturi ta' reati huma intitolati għal ġustizzja fil-ħin u ġusta.

Iżda dan mhux "delitt kwalunkwe". Dan kien attakk fuq in-nisġa tas-soċjetà u l-kliem biss mhux biżżejjed.

Jekk pajjiżna ma jiksibx il-ġustizzja li jixraqlu, id-demokrazija u l-espressjoni ħielsa f'Malta se jibqgħu maħkumin minn dan l-oltraġġ. Dan hu ferm iżjed minn sempliċiment delitt, għalkemm hu delitt ukoll, u bl-ebda mod mhu nipproponu li għal xi mument nagħtu inqas importanza lid-dritt għal ġustizzja lill-familja ta' Daphne wara t-telfa li ġarrbu u t-tbatija fit-tul u mhux ġustifikata li qed jgħaddu minnha. Madankollu, irridu nindirizzaw ukoll sfida eżistenzjali għad-demokrazija tagħna. Id-demokrazija ma tagħmilx sens jekk ma tkunx tista' tipproteġi l-espressjoni ħielsa u jekk ma tkunx tista' tagħmel ġustizzja ma' min jipprova jimminaha.

U tabilħaqq, minkejja n-natura straordinarja tar-reat, l-Istat Malti trattah bl-aktar mod ordinarju. Il-Maġistrat Inkwerenti ħadem fuq dan il-każ fuq bażi part-time daqslikieku kien każ bħall-oħrajn, u meta l-inkjesta waslet f'nofsha, l-eżekuttiv tal-pajjiż iddeċieda li jbiddlu. Il-kumpilazzjoni tal-evidenza kontra l-akkużati qed tittawwal iżżejjed, u l-Maġistrati li qed jippresedu jridu jlaħħqu mal-bqija tal-attivitajiet ordinarji u kawżi pendenti oħra. Il-proċedimenti qed jinstemgħu bl-istess ritmu bħall-bqija tal-kawżi ordinarji, mingħajr ma jitqiesu l-iskala u l-konsegwenzi tal-każ, li żgur mhumiex ordinarji.

Fil-fatt, l-Istat Malti qed jibqa' jaġixxi daqslikieku mhux qed jissielet sfida eżistenzjali kontra stat mafjuż fi ħdanu.

Biex jirnexxilna negħlbu l-mafja u nisfrattaw l-attivitajiet tagħha – sew dawk vjolenti bħall-qtil ta' ġurnalista li tesponiha, sew dawk li mhumiex bħall-korruzzjoni, il-manipulazzjoni tal-akkwist pubbliku u l-infiltrazzjoni fl-istituzzjonijiet pubbliċi biex insemmu wħud li huma rilevanti b'mod dirett għal dan il-każ – jidhrilna li hemm każ b'saħħtu ħafna li jkollna maġistrati apposta, attrezzati b'riżorsi investigattivi u ta' prosekuzzjoni, li jkunu jistgħu jaħdmu bl-inizjattiva tagħhom stess, mingħajr dipendenzi esterni, u ffokati esklussivament fuq il-kompitu li jressqu persuni quddiem qrati apposta kontra l-mafja.

Nisħqu wkoll l-importanza ta' restituzzjoni lill-vittmi. Il-kriminalità organizzata tfaqqar ir-riżorsi tal-komunità billi tisfrutta u tistupra l-art, il-pajsaġġ, l-arja u r-riżorsi ekonomiċi li suppost għandhom l-iskop li jsostnu u jsaħħu l-benesseri tal-komunità u mhux li jħaxxnu l-bwiet tar-rgħiba. Ir-rikavat mill-kriminalità għandu jiġi kkonfiskat u jitqassam lura fil-komunitajiet imnejn ittieħed mill-mafja, billi jintuża bħala fondi għal inizjattivi mill-gvernijiet lokali, mill-parroċċi u mill-NGOs li jaħdmu biex itaffu t-tbatijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi li ġġarrab il-komunità f'idejn il-kriminalità organizzata.

Nagħrfu li l-assassinju ta’ Daphne Caruana Galizia huwa f’ħafna aspetti mingħajr preċedent. Minkejja dan, mhijiex l-ewwel darba għal pajjiżna li sar attentat ta’ assassinju fuq persuna li l-awturi tiegħu ittamaw li bih jeliminaw xkiel għall-gwadann illeċitu tagħhom. U forsi l-pajjiż messu ħadha t-tagħlima mill-fallimenti tal-imgħoddi, meta naqas li jressaq lil awturi ta’ kriminalità vjolenti motivata politikament quddiem il-ġustizzja.

Iżda anki kieku kellna nippermettu l-fatt li l-qtil ta’ Daphne Caruana Galizia ħoloq sfida lill-Istat Malti li l-istituzzjonijiet tiegħu kienu dgħajfa wisq għaliha, m’hemm l-ebda evidenza ta’ xi sforz biex tiżdied l-abbiltà tal-Istat Malti li jirreaġixxi għaliha.

# 8. Is-siwi tal-inkjesti pubbliċi

Biex nissostanzjaw l-argument tagħna f’dan ir-rigward, se nirreferu għal din l-Inkjesta stess. Din l-Inkjesta saret kontra r-rieda tal-gvern, minflok minħabba fiha. Il-familja ta’ Daphne Caruana Galizia, bl-appoġġ tas-soċjetà ċivili u l-midja indipendenti, wettqu kampanja għal sentejn sħaħ biex titwaqqaf l-Inkjesta u tħabtu kontra r-reżistenza qawwija u determinata tal-gvern u ta’ aġenziji oħra tal-Istat Malti.

## 8.1. Din l-Inkjesta fil-kuntest

L-interess tal-aġenziji internazzjonali kien kruċjali biex il-gvern jasal jiftaħ din l-Inkjesta. F’dan il-każ, kienu l-intervent dirett tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa flimkien ma’ protesti pubbliċi sinifikanti li ġiegħlu lill-eks Prim Ministru Joseph Muscat jirrikorri għal kwalunkwe salvawomu politiku li seta’ jsib, u li rattbu r-ras iebsa tal-gvern wara sentejn ta’ reżistenza.

Sa mill-bidu nett, din l-Inkjesta kellha pressjoni kontinwa mill-gvern biex jillimita l-firxa tal-kompetenza tagħha b’mod aktar ristrett mit-termini ta’ referenza tagħha, u biex jisforzaha tikkonkludi qabel iż-żmien meħtieġ biex tissodisfa l-obbligu tagħha.

L-esperjenza ta’ dan il-Bord hija evidenza diretta, apparti kollox, ta’ kemm il-gvern ma kienx lest jippermetti lill-Istat Malti jirreaġixxi kif xieraq għall-qtil ta’ Daphne Caruana Galizia, u ta’ kemm ma kienx lest joħroġ il-verità kollha u jippreżentaha fil-beraħ b’mod li tkun tista’ tittieħed azzjoni konsegwenzjali xierqa.

## 8.2. Ħtieġa ta’ inkjesti ulterjuri

M’hemmx dubju li l-gvernijiet isibuha bi tqila li jgħaddu minn proċessi ta’ inkjesta dwar l-imġiba tagħhom, madankollu l-istħarriġ tad-deċiżjonijiet u n-nuqqasijiet amministrattivi u t-tagħlim minnhom għandhom ikunu konsegwenza ewlenija tas-separazzjoni tal-poteri u tal-maturità tal-esperjenza nazzjonali.

Jeħtieġ tkun fid-diskrezzjoni tal-fergħa leġiżlattiva, li taġixxi indipendentement mill-gvern (u għalhekk bl-inizjattiva wkoll tal-Oppożizzjoni parlamentari), li tniedi inkjesti biex tinkiseb evidenza u jsiru seduti ta’ smigħ f’forum pubbliku li jkunu ffokati fuq okkorrenzi speċifiċi. Il-membri interessati tal-pubbliku u l-organizzazzjonijiet mhux biss jeħtieġ

ikunu jistgħu jagħmlu sottomissjonijiet evidenzjarji kif jiġri f'ħafna mill-inkjesti, iżda anki li jisimgħu evidenza orali mogħtija minn partijiet oħra.

L-inkjesti pubbliċi jeħtieġ jinfetħu b'mod awtomatiku f'każijiet li jinvolvu bosta mwiet f'daqqa, bħad-diżgrazzji tat-trasport pubbliku jew l-omiċidji tal-massa.

Fil-prinċipju, il-konklużjonijiet tal-inkjesti jeħtieġ ikunu pubbliċi, b'regolamenti li jippermettu lill-prosekuturi u l-investigaturi jitolbu t-tneħħija ta' ċertu informazzjoni biex tiġi ppreservata l-evidenza. L-inkjesti huma mistennija jagħmlu rakkomandazzjonijiet biex titjieb il-kwalità tal-gvern jew tal-ġestjoni tal-organizzazzjonijiet pubbliċi fil-futur.

Il-persuni b'kariga eżekuttiva jeħtieġ ikun obbligati jikkooperaw mal-inkjesti pubbliċi, fosthom mal-Kummissjonijiet Parlamentari ta' inkjesta. Hawn niftakru fl-istanzi partikolari meta Keith Schembri u Konrad Mizzi rrifjutaw li jattendu laqgħat u jwieġbu l-mistoqsijiet tal-kummissjonijiet għat-tiftix tal-fatti u investigattivi tal-Parlament Ewropew, qabel u wara l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia.

Din l-Inkjesta messet oqsma li jeħtieġu aktar stħarriġ biex il-pajjiż u l-amministrazzjoni jitgħallmu kif xieraq mill-esperjenzi passati u biex il-parlament u l-gvern ikollhom rakkomandazzjonijiet għal riformi li jistgħu jgħinuna nevitaw li nerġgħu ngħaddu mill-esperjenzi tal-aħħar tmien snin.

Nappellaw għal inkjesti pubbliċi dwar:

- L-infiltrazzjoni tal-mafja fl-ekonomija u fl-amministrazzjoni pubblika ta' Malta;
- Il-kuntratt tal-Electrogas;
- Il-privatizzazzjoni tal-isptarijiet;
- L-imġiba tal-istituzzjonijiet wara l-iżvelar tal-Panama Papers;
- Il-finanzjament tal-partiti politiċi;
- L-iżbilanċ fil-proċess tal-ippjanar favur l-interessi ta' negozji kbar.

# 9. Miżuri li jħarsu lill-ġurnalisti

L-Inkjesta ntalbet tiddetermina jekk l-Istat Malti wettaqx u jekk hux qed iwettaq l-obbligu pożittiv li jieħu miżuri operazzjonali ta' prevenzjoni biex jipproteġi lill-individwi li l-ħajja tagħhom tkun fir-riskju minn atti kriminali, b'mod partikolari fil-każ tal-ġurnalisti.

F'dawn is-sottomissjonijiet nispjegaw għalfejn nemmnu li dan l-obbligu ma twettaqx. Inżidu r-raġunijiet għalfejn nemmnu li l-Istat Malti għadu jonqos minn dan l-obbligu b'mod partikolari fil-każ tal-ġurnalisti.

- Il-Parlament ikkunsidra, iżda mbagħad naqas li jadotta, leġiżlazzjoni li tista' tipproteġi lill-ġurnalisti minn kawżi strateġiċi (SLAPP) miftuħa barra mill-pajjiż. Il-ġurnalisti Maltin qed iħabbtu wiċċhom ma' kawżi ta' libell barra minn Malta u t-theddida li dawn jippersistu hi periklu ċar u reali.

  Dan huwa sinifikanti b'mod speċjali jekk jitqiesu l-attivitajiet tal-kriminalità organizzata f'Malta. Il-kriminalità organizzata użat b'mod estensiv l-attivitajiet ekonomiċi ewlenin ta' Malta bħala għodda għall-attivitajiet tagħha ta' kutrabandu, rikattar organizzattiv u ħasil tal-flus.

  L-investigazzjonijiet ġurnalistiċi dwar il-banek, l-istituzzjonijiet finanzjarji, il-kumpaniji tal-logħob tal-azzard, il-kumpaniji tal-fjuwil u entitajiet korporattivi kbar simili ta' spiss sfaw fil-mira ta' theddid ta' libelli internazzjonali, jew saħansitra vittma tal-libelli nnifishom, u dan iħalli effett dissważiv fuq il-ġurnaliżmu investigattiv. Min-naħa tiegħu dan joħloq ambjent ta' impunità li jippermetti kontinwità ta' dawn l-attivitajiet kriminali, u li jinfirxu iżjed.

- L-attivisti għadhom kontinwament qed iġarrbu intimidazzjoni u iżolament. Dawn jinkludu l-esklużjoni minn fuq il-mezzi tax-xandir pubbliku; attakki konsistenti mill-midja tal-partiti; u trolling fuq il-midja soċjali organizzat b'mod ċentrali.

- Il-pressjoni li għamlu ċerti istituzzjonijiet bħall-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ewropa fuq pajjiżna biex iwettaq riformi istituzzjonali, wasslu għal inizjattivi leġiżlattivi jew amministrattivi nofs kedda biex tingħata l-impressjoni ta' konformità u riforma. Il-gvern eskluda lis-soċjetà ċivili minn kwalunkwe għamla ta' konsultazzjoni. Għalaq il-bibien għall-istampa ħielsa biex tirrapporta, tanalizza u tikkummenta dwar ir-riformi. Wettaq biss riformi limitati u kożmetiċi.

U ħafna minn dawn il-bidliet mhu se jħallu l-ebda impatt materjali fuq il-ħakma li għandha l-mafja tal-istituzzjonijiet tal-pajjiż. Is-soċjetà ċivili ma kienet mistiedna għall-ebda deliberazzjoni dwar it-tħejjija ta' dawn ir-riformi. Ma ġie ppubblikat l-ebda abbozz tad-dokumenti leġiżlattivi qabel ma tressqu għad-dibattitu fil-Parlament, u mbagħad kien tard wisq għas-soċjetà ċivili biex b'xi mod tagħti sehem sinifikanti fil-proċess.

- Il-mistoqsijiet tal-ġurnalisti indipendenti u l-isfidi tas-soċjetà ċivili qed jiġu injorati waħda wara l-oħra. L-istampa mhix qed tingħata opportunitajiet biex tistaqsi l-mistoqsijiet, filwaqt li l-politiċi qed jikkomunikaw direttament dwar materji ta' importanza nazzjonali fuq l-istazzjonijiet tal-partit tagħhom jew bir-riklami mħallsa fuq il-midja soċjali.

  L-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni qed jiġi rispettat b'diżrispett meta l-gvern jirrifjuta talbiet għal raġunijiet pwerili, u ħafna drabi jsib l-appoġġ tar-regolaturi minflok ma jaġixxu b'mod indipendenti minnu.

  Ir-rwol ta' intermedjazzjoni u sorveljanza li għandha taqdi l-midja fid-demokrazija tagħna għadu mhux qed jitħalla jitwettaq; u minkejja l-isforz aktar koerenti min-naħa tal-komunità ġurnalistika wara l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, il-gvern ħafna drabi qed jirnexxilu jwarrab lil min jiddubita l-awtorità tiegħu.

# 10. It-tħassib tagħna llum

Filwaqt li tissokta s-sejħa tagħna għal ġustizzja mingħajr aktar dewmien fil-każ ta' Daphne Caruana Galizia, it-tħassib tagħna llum hu aktar profond milli kien fis-16 ta' Ottubru 2017, wara nofsinhar, meta konna lkoll maħsudin u rrabjati.

- Jidhrilna li t-tmexxija politika tal-gvern u tal-partit fil-gvern qatt ma kkundannat l-azzjonijiet u l-fallimenti tal-gvern ta' Joseph Muscat.

- Il-pulizija ma ressqu lil ħadd quddiem il-ġustizzja b'rabta mal-investigazzjonijiet tagħhom fuq għexieren ta' reati li fihom hemm implikati bosta membri għoljin tar-reġim ta' Joseph Muscat b'evidenza li ilha s-snin fid-dominju pubbliku u li ma tistax tiġi injorata. Biex ma nsemmux il-kundanna u l-kastig, li għadhom ferm aktar 'il bogħod.

- Jidhrilna li l-poter bla limitu u bla verifiki li għandu l-Prim Ministru fi ħdan il-qafas istituzzjonali tagħna għadu fil-prattika mhux mittiefes u mhux ikkontrollat.

- Jidhrilna li l-persuni fit-tmexxija politika għadhom lesti jisfruttaw l-awtorità tagħhom għall-interessi personali tagħhom daqs kemm kienu qabel.

- Jidhrilna li l-Korp tal-Pulizija għadu mhuwiex attrezzat biżżejjed u qed jonqos kontinwament milli jagħti xi forma ta' fiduċja li għandu r-rieda, l-abbiltà jew ftit mit-tnejn, li jiżgura li l-liġi tikkmanda.

- Jidhrilna li s-servizz tal-prosekuzzjoni għad m'għandux riżorsi biżżejjed u għadu ferm 'il bogħod milli jagħti opportunitajiet ugwali liċ-ċittadini onesti fil-konfront ta' awturi potenti tal-kriminalità.

- Jidhrilna li l-parlament hu maħkum għalkollox mill-gvern, u ma jistax jew ma jridx jissorvelja jew jiġbed l-attenzjoni b'rabta ma' fallimenti amministrattivi jew għemil ħażin, jew iressaq riformi leġiżlattivi li jindirizzaw id-dgħjufijiet tant evidenti.

- Jidhrilna li l-integrità tal-politiċi u tal-uffiċjali pubbliċi ttappnet f'għajnejn il-komunità, ittebbgħet għalkollox bl-imġiba ħażina u l-impunità li jgawdu dawk fosthom li huma korrotti jew li ma jridux jeħduha qatta' bla ħabel kontra l-korrotti, u dan kollu qed joħloq sfiduċja inkwetanti fil-proċess demokratiku.

- Jidhrilna li l-ħatriet fil-ġudikatura fl-aħħar tmien snin poġġew f'dubju serju l-indipendenza tal-ġudikatura mill-kontroll u l-influwenza tal-gvern.

- Jidhrilna li x-xenarju tax-xandir televiżiv mhuwiex miftuħ għall-pluraliżmu, u minflok huwa ristrett għal kakofonija ta' messaġġi politiċi qarrieqa li l-partiti politiċi jużaw mingħajr skruplu biex jattakkaw ħsibijiet kritiċi u indipendenti.

- Għalhekk, imbagħad ma nissorprendux ruħna li nsibu ċittadini xettiċi u bla ħeġġa, meqruda bi dwelli partiġġjani bla heda u bla eżitu, li jippreferu jemmnu li l-mafja ma teżistix, u b'hekk jippermettulha tkompli tifrex is-swaba' inviżibbli iżda sodi tagħha fl-istrutturi formali u informali tal-poter ta' pajjiżna.

Aħna se nibqgħu sodi fit-twemmin tagħna li rridu nibqgħu nittamaw f'bidla sinifikanti. Irridu nittamaw li d-determinazzjoni eżemplari u altruwista ta' Daphne Caruana Galizia, li kif jidher ċar intirtet ukoll mill-familja tagħha, tkun l-ixprun biex nibqgħu nemmnu li pajjiżna jista' joħroġ minn din is-sħaba sewda.

Irridu nittamaw li l-isforzi ta' din l-Inkjesta li tistaqsi l-mistoqsijiet li jolqtu fil-laħam il-ħaj, u l-konklużjonijiet li se jitfasslu, ikollhom l-impatt katartiku u trasformattiv li kellu jkollhom il-ħajja, il-ħidma u l-mewt ta' Daphne Caruana Galizia.

# 11. “Daphne” m’għandhiex tkun kontroversja

Il-maturità ċivika ta’ din il-komunità tiddependi fuq kif tittratta l-Istorja tagħha stess. L-isforz kontra l-mafja f’pajjiżi bħall-Italja jistrieħ fuq il-memorja kollettiva tal-vittmi tagħha. Dan mhux proċess ta’ beatifikazzjoni jew ta’ glorifikazzjoni kif jissuġġerixxu ħażin dawk li jopponu l-kawża tal-ġustizzja għal Daphne Caruana Galizia. Dan huwa proċess ta’ tixrid tal-verità, li mingħajru ma jista’ jkun hemm l-ebda ġustizzja, l-ebda rikonċiljazzjoni u l-ebda maturità nazzjonali.

Uħud mix-xhieda li taw evidenza quddiem l-Inkjesta ppreżentaw ir-“raġunijiet” tagħhom għalfejn ma jniżżlux lil Daphne Caruana Galizia jew xogħolha. Din kienet irrilevanti u kontroproduċenti. Il-fatt hu li Daphne Caruana Galizia nqatlet għax ħadmet kontra l-kurrent biex tikxef l-għemil ħażin u biex il-persuni fil-poter jagħtu rendikont ta’ għemilhom u jerfgħu r-responsabbiltà.

Minn perspettiva oġġettiva, dak hu sagrifiċċju li l-ebda demokrazija li tiffunzjona m’għandha titlob mingħand xi wieħed miċ-ċittadini tagħha. Iżda dan tabilħaqq seħħ. Issa l-inqas ħaġa li nistgħu nagħmlu bħala komunità hija li nitgħallmu mill-qtil ta’ Daphne, u nsewwu dak li nafu li hu miksur. U li nwasslu l-eżempju ta’ Daphne lill-ġenerazzjonijiet żgħażagħ biex jimitaw l-impenn ċiviku, il-kuraġġ u d-determinazzjoni altruwista tagħha li tagħti kollox għall-kawża tal-verità.

Fil-qalba tal-valuri li aħna naspiraw bħala demokrazija għandu jkun hemm is-servizz ta’ ġurnaliżmu indipendenti u kritiku. Jixraq li uliedna jiġu mgħallma japprezzaw dan, jippretenduh u jikkontribwixxu għalih bħala element ewlieni fl-edukazzjoni formali tagħhom. Iċ-ċittadini jeħtieġ ifakkru b’tant eżiġenza lill-Istat Malti biex iħares l-indipendenza ta’ dan il-pilastru demokratiku minn kull indħil, ċensura, u saħansitra mill-vjolenza min-naħa ta’ dawk li jaqblilhom idgħajfu dawn il-libertajiet.

Inikkitna l-fatt li dawk li jokkupaw l-ogħla karigi politiċi u istituzzjonali ta’ pajjiżna jevitaw li jfakkru s-sagrifiċċju kbir ta’ Daphne Caruana Galizia u li jsemmu l-għajta għal ġustizzja fil-każ tagħha. Inikkitna l-fatt li dawk li jokkupaw l-ogħla karigi politiċi u istituzzjonali ta’ pajjiżna jippreferu jippermettu, minħabba l-assenza, l-ambivalenza u xi drabi l-ostilità diretta u persistenti tagħhom, l-impressjoni falza li Daphne tappartjeni għal xi kasta elitista, intitolata jew partiġġjana minflok li tappartjeni għall-pajjiż kollu kemm hu.

Nittamaw li s-sejbiet tal-Inkjesta jgħinu b’xi mod biex tinbidel din ir-realtà inġusta.

B’rispett ngħarrfu lill-Bord li fl-ispirtu ta’ testimonjanza miftuħa, imħarsa bis-sħiħ mill-Inkjesta, dawn is-sottomissjonijiet se jsiru pubbliċi.

Ħajr lill-Bord għall-opportunità li nressqu dawn is-sottomissjonijiet u nibqgħu dejjem għad-dispożizzjoni tiegħu.

Imressqa b’rispett,





**Robert Aquilina**
President

**Alessandra Dee Crespo**
President Eletta





**Sammi Davis**
Segretarja Ġenerali

**Emanuel Delia**
Uffiċjal Eżekuttiv